



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.6.2005
KUMM(2005) 265 finali

GREEN PAPER

**dwar l-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija
jew
Li Jsir Aktar B'Inqas**

WERREJ

Introduzzjoni	4
A. L-Identifikar ta' l-ostakli.....	12
1. Il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri speċifiċi biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija	13
1.1. Ostakli finanzjarji fit-triq lejn reazzjoni xierqa tas-suq	13
1.2. Il-ħtieġa ta' servizzi ta' enerġija	14
2. Il-ħtieġa ta' azzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi	14
3. L-ispejjeż esterni u t-trasparenza tal-prezzijiet	15
4. L-informazzjoni u l-edukazzjoni: żewġ għodod mhux użati biżżejjed.....	15
B. Inizjattiva Ewropea	16
1. Azzjoni fuq livell tal-Komunità	17
1.1. L-integrar ta' l-enerġija f'oqsma ta' politika oħra tal-Komunità	17
1.1.1. Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku	17
1.1.2. Il-promozzjoni ta' l-aħjar prassi u t-teknoloġija	17
1.1.3. Id-determinazzjoni u l-promozzjoni ta' l-aħjar prassi fil-livelli kollha permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni nazzjonali	18
1.1.4. Użu aħjar tat-tassazzjoni	18
1.1.5. Għajnuna mill-Istat immirata aħjar	20
1.1.6. Il-liberalizzazzjoni ta' l-akkwist pubbliku	20
1.1.7. Li jinstab iffinanzjar Ewropew.....	20
1.2. Miżuri speċifiċi ta' politika ta' l-enerġija	21
1.2.1. Bini.....	21
1.2.2. Strumenti domestiċi	22
1.2.3. Il-limitazzjoni tal-konsum ta' fjuwil tal-vetturi	23
1.2.4. L-infurmar u l-ħarsien tal-konsumatur.....	24
2. Il-livell nazzjonali	25
2.1. Ir-regolazzjoni ta' attivitajiet ta' netwerk	25
2.2. Ir-regolazzjoni ta' attivitajiet ta' forniment.....	26
2.3. Il-ġenerazzjoni ta' l-elettriku.....	26
2.4. Ċertifikati bojod, strument ibbażat fuq is-suq.....	28

3.	L-industrija.....	28
4.	It-trasport.....	29
4.1.	L-organizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni tat-traffiku ta' l-ajru.....	29
4.2.	L-aħjar użu ta' l-amministrazzjoni tat-traffiku	30
4.3.	L-iżvilupp ta' suq għal vetturi nodfa.....	30
4.4.	L-iċċarġjar fuq l-infrastruttura sabiex jitrawwem tibdil fl-imġiba	31
4.5.	Tajers.....	31
4.6.	Avjazzjoni	32
5.	Livell reġjonali u lokali.....	32
5.1.	Strumenti speċifiċi ta' ffinanzjar.....	32
6.	Strateġija miftuħa għad-dinja.....	33
6.1.	L-integrar ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-kooperazzjoni internazzjonali.....	34
6.2.	L-integrar ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-politika tal-viċinat u l-kooperazzjoni UE-Russja.....	35
6.3.	L-integrar ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-politika ta' żvilupp.....	35
6.4.	It-tisħiħ tar-rwol ta' l-istituzzjonijiet internazzjonali ta' l-iffinanzjar	35
	KONKLUŻJONI.....	37
	ANNEX 1	39
	ANNEX 2	47
	ANNEX 3	48
	ANNEX 4	49
	ANNEX 5	50

INTRODUZZJONI

Anki mingħajr prezzijiet taż-żejt għolja u instabbli, li wasslu għal tnaqqis fil-prospetti ta' tkabbir ekonomiku fl-Ewropa, hemm raġunijiet tajba ħafna biex l-Unjoni Ewropea tagħmel sforz qawwi favur programm li jerġa' jagħti s-saħħa mill-ġdid u li jippromwovi l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-livelli kollha tas-soċjetà Ewropea¹:

- **Il-kompetittività u l-aġenda ta' Liżbona.** Skond studji numerużi² l-UE tista' tiffirka mill-inqas 20% tal-konsum preżenti tagħha ta' enerġija b'mod li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, liema iffrankar ikun ekwivalenti għal € 60 biljun kull sena, jew għall-konsum preżenti ta' enerġija tal-Ġermanja u l-Finlandja flimkien. Għalkemm huwa meħtieġ investiment konsiderevoli biex jiġi utilizzat dan it-tfaddil potenzjali, f'termini ta' tagħmir effiċjenti ġdid fl-użu ta' l-enerġija u ta' servizzi ġodda ta' l-enerġija, f'dan il-qasam l-Ewropa tinsab fuq quddiem fid-dinja u s-servizzi ta' l-enerġija fil-biċċa l-kbira tagħhom għandhom xejra lokali. Dan ifisser il-ħolqien ta' ħafna impjiegi ġodda ta' kwalità għolja fl-Ewropa. Fil-fatt, fuq il-bażi ta' bosta studji³ jista' jkun stmat li inizjattiva ta' dan it-tip tista' potenzjalment toħloq direttament jew indirettament daqs miljun impjieg ġdid fl-Ewropa. Barra minn hekk, billi l-miżuri mmirati f'din l-inizjattiva huma biss miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija li jagħtu benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu - miżuri li jirriżultaw fi tfaddil nett ukoll meta jiġi kkunsidrat l-investiment neċessarju - skema ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija li tkun suċċess tfixx li parti mis-€60 biljun li ma tkunux intefqet fl-enerġija tinbidel fi tfaddil nett, li jirriżulta f'kompetittività miżjuda u kundizzjonijiet ta' għajxien aħjar għaċ-ċittadini ta' l-UE. L-istess studji msemmija aktar 'l fuq jikkonkludu li, b'mod li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, familja medja ta' l-UE tkun tista' tfaddal bejn €200 u €1 000 kull sena, skond il-konsum ta' l-enerġija tagħha.

Politika effettiva ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tista' għalhekk tipprovdi kontribut importanti għall-kompetittività u l-impjiegi ta' l-UE, li huma għanijiet ċentrali ta' l-

¹ Ara wkoll Anness 1.

² *The Mid-term Potential for Demand-side Energy Efficiency in the EU*, Lechtenböhmer u Thomas, Istitut ta' Wuppertal, 2005; "Ix-xenarju reċenti tagħna ta' l-istrateġiji politiċi u l-miżuri (P&M) għall-UE-25 jabbozza l-hekk imsejja "strateġija ambizzjuża" sabiex iwassal għal tnaqqis sostanzjali ta' l-emissjonijiet GHG sa l-2020. Din l-istrateġija tuża madwar 80% tat-tfaddil ekonomiku potenzjali li huwa preżentement disponibbli. Huwa maħsub, madankollu, li l-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet huma infurmati aħjar permezz ta' strateġiji politiċi u miżuri attivi u li dawn jibdli l-attitudnijiet tagħhom favur l-aħjar teknoloġiji disponibbli f'każ ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Ir-riżultati li jidhru fit-tabella juru biċ-ċar li l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ta' l-ekonomija ta' l-UE 25 se tiżdied b'29% f'dan ix-xenarju tal-P&M." Memorandum ta' spjegazzjoni għad-Direttiva proposta dwar l-effiċjenza fil-konsum ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija – KUMM(2003) 739. Simulazzjoni ta' MURE Database 2000, SOS Italja; *Economic Evaluation of Sectoral Emissions Reduction Objectives for climate change*, Blok u Joosen, ECOFYS, Utrecht, 2000; *Energy Efficiency Indicators*, ODYSSEE, ADEME, Pariġi, 2004; *How Companies turn energy efficiency into shareholder value*, Green Business Letter, April 2005; *Improving energy efficiency by 5% and more per year*, K. Blok, li se jiġi ppubblikat fil-Ġurnal ta' l-Ekoloġija Industrijali; *The Potential for more efficient electricity use in Italy*, F. Krause; *The Energy Efficiency Challenge*, WWF, 2005; Stima ta' l-Enerġija Dinjija 2000 u aġġornament ta' l-2004, UNDP Website; Il-Kunsill Ewropew għal ekonomija effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija, *Proċeduri* 2005 Studju tas-Sajf: Iffrankar ta' l-enerġija, X'jaħdem u min jista' jagħti x-xogħol?, www.eceee.org

³ Rat für Nachhaltige Entwicklung, 2003, http://www.nachhaltigkeitsrat.de/service/download/publikationen/broschueren/Broschuere_Kohleempfehlung.pdf, Ecofys.

aġenda ta' Liżbona. Billi tindirizza d-domanda għall-enerġija din il-politika tagħmel parti mill-istrategġija politiċi ta' l-UE dwar il-provvista ta' l-enerġija inklużi l-isforzi tagħha biex tippromwovi enerġija li jiġġeddu u bħala tali hija parti mis-sett ta' prioritajiet deskritti fil-qosor l-ewwel darba fil-Green Paper ta' l-2000 "Lejn Strategġija Ewropea għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija". Barra minn hekk, it-tagħmir, is-servizzi u t-teknoloġija ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, qed isiru dejjem aktar importanti mad-dinja kollha. Jekk l-Ewropa żżomm il-pożizzjoni prominenti tagħha f'dan il-qasam, li twassal biex l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ġodda jaslu fl-Ewropa l-ewwel, dan kollu jkun jirrapreżenta opportunità ta' kummerċ importanti.

- **Ħarsien ambjentali u l-obbligi ta' Kjoto ta' l-UE.** L-iffrankar ta' l-enerġija huwa mingħajr dubju l-eħfef, u l-iżjed mod effettiv u li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, biex jiġu mnaqqsa l-emissjonijiet tal-gassijiet li jsaħħnu l-atmosfera (*greenhouse gas emissions*), kif ukoll biex tiġi mtejbja l-kwalità ta' l-arja, b'mod partikulari f'żoni li fihom jgħixu ħafna nies. Għalhekk għandu jgħin lill-Istati Membri biex jilhqqu l-obbligi tagħhom ta' Kjoto. It-tieni, se jikkostitwixxi kontribuzzjoni importanti għall-isforzi fit-tul ta' l-UE fil-għieda kontra l-bidla tal-klima permezz ta' aktar tnaqqis ta' l-emissjonijiet, bħala parti minn ordni ta' wara l-2012 fi ħdan il-Qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bidla tal-Klima. Ħafna pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jirrikonoxxu b'mod sħiħ ir-rwol essenzjali ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija sabiex ikunu indirizzati dawn il-bosta sfidi. L-Ewropa għalhekk għandha bżonn tkun ta' eżempju f'dan ir-rigward, billi tmexxi l-iżvilupp ta' strategġija politiċi, kooperazzjonijiet u teknoloġiji ġodda li jistgħu jkunu ta' għajjnuna għad-dinja li qiegħda tiżviluppa sabiex tkun tista' tindirizza din l-isfida.
- **Sigurtà tal-provvista.** Fuq il-bażi tat-tendenzi preżenti, sa l-2030 l-UE se tkun tiddependi fuq l-importazzjoni għal 90% tal-ħtiġijiet tagħha taż-żejt u għal 80% fir-rigward tal-gass. Huwa impossibbli li wieħed ibassar il-prezz taż-żejt u l-gass fl-2020, b'mod partikulari jekk id-domanda mid-dinja li qiegħda tiżviluppa tkompli tiżdied b'ħeffa daqs illum. Kif indikat fit-2 ta' Mejju 2005 fil-kuntest tal-laqgħa Ministerjali ta' l-IEA, l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija waħda mill-metodi ewlenin biex tiġi trattata din l-isfida. Sforz reali biex primarjament id-domanda għall-enerġija ta' l-UE tinżamm għal-livelli preżenti u sussegwentement tiġi mnaqqsa, ikun diġà jirrapreżenta kontribuzzjoni importanti fl-iżvilupp ta' politika koerenti u bilanċjata biex tippromwovi s-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija għall-Unjoni Ewropea.

Din il-Green Paper għalhekk tfittex li tidentifika l-ostakli li preżentement qegħdin iżommu milli dawn l-effiċjenzi, li jagħtu benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, jingħataw l-attenzjoni – pereżempju nuqqas ta' inċentivi xierqa, nuqqas ta' informazzjoni, nuqqas ta' mekkaniżmi disponibbli ta' ffinanzjar.

Il-Green Paper imbagħad tfittex li tidentifika alternattivi kif dawn l-ostakli jistgħu jiġu meġhluha, billi tissuġġerixxi numru ta' azzjonijiet ewlenin li jistgħu jittieħdu. Dawn jinkludu:

- li jiġu stabbiliti Pjanijiet ta' Azzjoni Annwali ta' Effiċjenza fl-użu ta' l-Enerġija fuq livell nazzjonali. Dawn it-tip ta' pjanijiet jistgħu jidentifikaw miżuri li għandhom jittieħdu fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali u sussegwentement jistgħu jimmonitorjaw is-suċċess tagħhom kemm f'termini ta' titjib fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u kemm f'termini ta' jekk dawn jagħtux benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-

flus li jkunu ntefqu. Il-pjanijiet jistgħu jiġu kkumplimentati bi proċess ta' tqabbil u reviżjoni fil-livell Ewropew, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu faċilment jitgħallmu mis-suċċessi u l-iżbalji ta' l-oħrajn u biex tiġi żgurata l-firxa rapida ta' l-aħjar prassi f'kull parti ta' l-UE;

- li tingħata informazzjoni aħjar liċ-ċittadini, pereżempju permezz ta' kampanji ta' pubbliċità mmirati aħjar u permezz ta' titjib fit-tikkettar tal-prodotti;
- li tiġi mtejbja t-tassazzjoni, biex jiġi żgurat li min iniġġes iħallas verament, mingħajr ma dankollu ma jiġu miżjuda l-livelli totali tat-taxxa;
- għajjnuna mill-istat immirata aħjar, fejn is-sostenn pubbliku jkun ġustifikat, proporzjonat u neċessarju biex jiġi pprovdut inċentiv għall-użu effiċjenti ta' l-enerġija;
- li jiġi użat ix-xiri pubbliku biex jiġu varati teknoloġiji ġodda effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija, bħal karozzi u tagħmir ta' l-IT aktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija;
- li jiġu użati strumenti ta' ffinanzjar ġodda jew imtejbja, kemm fuq livell tal-Komunità kif ukoll f'dak nazzjonali, biex jiġu mogħtija inċentivi, imma mhux għajjnuna, kemm lill-kumpanji kif ukoll lis-sidien ta' djar biex ikun introdott titjib li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu;
- li jsir aktar fir-rigward tal-bini, fejn qed tiġi applikata Direttiva tal-Komunità eżistenti, u possibilmment li din tiġi estiża għal bini iżgħar b'mod li jiżgura li jkun hemm benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu u burokrazija addizzjonali minima;
- li tiġi użata l-inizjattiva tal-Kummissjoni CARS 21 biex jitħaffef l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' vetturi aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil.

Din il-Green Paper tfittex li tagħxi bħala katalista, li twassal għal inizjattiva mġedda ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-livelli kollha tas-soċjetà Ewropea – l-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali. Barra minn hekk, din il-Green Paper tfittex li tagħmel kontribuzzjoni sinifikanti, permezz ta' eżempju u ta' tmexxija, biex tagħti bidu għal sforz internazzjonali biex jikkontribwixxi sabiex tiġi indirizzata l-bidla tal-klima permezz ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Iċ-Ċina preżentement tuża aktar minn ħames darbiet l-enerġija li tuża l-UE biex tipproduċi unità waħda tal-GDP, l-USA tuża bejn wiehded u ieħor 50% aktar mill-UE⁴. Bid-domanda għall-enerġija li qiegħda tispodi b'mod partikulari fiċ-Ċina u fl-Indja, l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija għandha tkun waħda mill-istrateġiji politiċi ewlenin biex ikunu rrikonċiljati min-naħa l-waħda l-ħtiġijiet akbar ta' enerġija tad-dinja li qiegħda tiżviluppa biex jiżdied l-poter u jittejbu l-kundizzjonijiet ta' għajxien għaċ-ċittadini tagħhom u, min-naħa l-oħra, sabiex ikun miġġieled it-tisħin globali. Din il-Green Paper, u l-momentum maħluq fis-segwitu tagħha, għandhom ipoġġu l-UE fuq quddiem nett ta' l-isforzi biex l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ssir prijorità globali. Fl-aħħar nett, il-prezzijiet għolja taż-żejt jolqtu l-aktar lill-ifqar, b'mod partikulari fil-pajjiżi ta' l-ACP. Matul is-segwitu tal-Green Paper għandha tingħata attenzjoni dwar kif teknoloġija żviluppata fl-Ewropa tista' tiġi użata jew adattata biex tissodisfa l-ħtiġijiet ta' dawn il-pajjiżi u dwar kif l-aħjar tista' tiġi użata.

⁴ Dan il-paragun jinbidel jekk tkun meqjusa id-differenza fis-saħħa tax-xiri taċ-ċittadini. Ara Anness 1 għal aktar dettalji.

L-eżempji konkreti msemmija aktar 'l fuq sabiex tintrebaħ din l-isfida, li huma eżaminati f'aktar dettall aktar 'l isfel, mhumiex proposti; huma ideat għal diskussjoni. Lanqas m'huma eżawrjenti. Wara l-pubblikazzjoni ta' din il-Green Paper, il-Kummissjoni għandha, sa l-aħħar ta' din is-sena, twestaq konsultazzjoni pubblika intensiva.

Sabiex tistimola d-dibattitu u kontribuzzjonijiet effettivi, il-Kummissjoni tressaq il-25 mistoqsija mhux eżawrjenti li jidhru aktar 'l isfel.

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi il-“Forum Ewropew dwar l-Enerġija Sostenibbli”. Dan il-Forum, ibbażat fuq il-mudelli tal-Fora ta' “Firenze” u ta' “Madrid”, li kienu ntużaw b'suċċess sabiex jiżviluppaw kunsens fuq kif wieħed għandu jipproċedi bil-liberalizzazzjoni tas-suq ta' l-enerġija, se jgħib flimkien lill-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, ir-Regolaturi nazzjonali ta' l-enerġija u r-rappreżentanti ta' l-industrija Ewropea u l-NGOs. Huwa se jiltaqa' darbtejn fis-sena. L-ewwel laqgħa, ippjanata għal Ottubru, se tiddiskuti fil-fond din il-Green Paper.

Madankollu, barra milli jiġu kkonsultati l-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-industrija u l-NGOs dwar id-dokument, il-Kummissjoni tqis bħala kruċjali li jkollha konsultazzjoni pubblika wiesgħa. Dawk kollha interessati jistgħu liberament iressqu kummenti u suġġerimenti bil-modi li ġejjin:

- bl-internet, permezz tas-sit ta' l-internet tal-Kummissjoni fuq http://europa.eu.int/comm/energy/efficiency/index_en.htm;
- billi jikkuntattjaw lill-Mr. Luc Werring tad-Direttorat-Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport tal-Kummissjoni Ewropea (luc.werring@cec.eu.int);
- il-Kummissjoni se tinvolvi kull wieħed mill-Uffiċċji tagħha li jinstabu fi bliet ta' l-UE. L-informazzjoni u l-avvenimenti possibbli se jkunu rreklamati fuq: http://europa.eu.int/comm/represent_en.htm;
- il-Kummissjoni għandha netwerk ta' Aġenziji ta' l-Enerġija, f'ħafna bliet Ewropej. Dawn l-Aġenziji se jingħataw ix-xogħol li jferrxu b'mod estensiv l-informazzjoni dwar il-Green Paper u li jfittxu li jiġbru l-kummenti.

Fejn il-persuna, li tissottometti kummenti, taqbel, is-sottomissjonijiet kollha se jkunu mpoġġija fuq is-sit ta' l-internet tal-Kummissjoni għall-konsultazzjoni.

Huwa importanti li din il-Green Paper twassal b'mod rapidu għal azzjoni konkreta. Għaldaqstant, wara l-proċess ta' konsultazzjoni l-Kummissjoni temmen li Pjan ta' Azzjoni konkret għandu jiġi mfassal fl-2006, liema Pjan ta' Azzjoni għandu jiddeskrivi fil-qosor l-azzjoni speċifika li għandha tittieħed fuq il-livell ta' l-UE u dak nazzjonali, u jkun akkumpanjat b'analiżi neċessarja tar-relazzjoni bejn il-valur u l-benefiċċju.

- Mistoqsijiet għad-dibattitu

Rimarki ġenerali

Il-mistoqsijiet li ġejjin ifittxu li janalizzaw aktar l-għażliet identifikati f'dan id-dokument, skond jekk il-benefiċċju li jagħtu huwiex biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu u skond il-kontribuzzjoni tagħhom għall-iffrankar ta' l-enerġija, għall-ħarsien ambjentali, għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għat-tnaqqis ta' l-importazzjoni taż-żejt u tal-gass.

Fit-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet, il-Kummissjoni tkun grata jekk ikunu pprovduti d-dettalji kollha possibbli fuq dawn il-kwistjonijiet speċifiċi, kif ukoll li titwieġeb il-mistoqsija relatata mal-livell li fih il-miżura proposta tkun tista' tiġi indirizzata l-aħjar: jekk hux fuq livell internazzjonali, ta' l-UE, nazzjonali, reġjonali jew lokali? Barra minn hekk, il-miżura kkonċernata tkun indirizzata l-aħjar permezz ta' rakkomandazzjonijiet, miżuri volontarji, għanijiet li jorbtu jew permezz ta' miżuri fi proposti leġiżlattivi? Fl-aħħar nett, kif jistgħu l-miżuri kkonċernati jiġu implimentati fil-prattika? Kemm ikun il-perjodu ta' żmien li jittieħed, kemm ikunu l-ispejjeż, u fejn tkun neċessarja funzjoni ta' monitoraġġ jew funzjoni simili, liema korps ikun l-aħjar biex jagħmel dan?

Fl-2006, dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni li tilħaq proposti solidi, prattiċi u li jistgħu jiġu implimentati fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha li se jagħmel differenza reali.

Barra minn hekk, wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Green Paper u tal-konsultazzjoni li ssegwiha huwa li jiġu stimulat ideat addizzjonali li għadhom m'humex identifikati. Suġġerimenti u eżempji, li fejn hu possibbli jipprovdu d-dettalji msemmija aktar 'l fuq, pereżempju, l-spiża ta' l-implimentazzjoni, il-benefiċċji f'termini ta' ffrankar ta' l-enerġija u tal-faċilità ta' l-implimentazzjoni jkunu milqugħa bil-qalb mill-Kummissjoni.

Mistoqsijiet dwar l-għażliet identifikati fil-Green Paper

1. Kif jistgħu l-Komunità u l-Kummissjoni b'mod partikulari, jistimulaw aħjar l-investment Ewropew f'teknoloġiji ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija? Kif jistgħu l-fondi li jintefqu biex jingħata sostenn lir-riċerka f'dan il-qasam jkunu mmirati aħjar? (Taqsim 1.1)
2. Il-mekkaniżmu ta' ta' skambju ta' kwoti ta' emissjonijiet huwa għodda ewlenija fl-iżvilupp ta' rispons ibbażat fuq is-suq biex jiġu milħuqa l-għanijiet ta' Kjoto u l-bidla tal-klima. Tista' din il-politika tkun utilizzata aħjar biex tiġi promossa l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija? Jekk iva, kif? (Taqsim 1.1)
3. Fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' Liżbona li għandha l-għan li tagħti haġja mill-ġdid lill-ekonomija Ewropea, x'rabta għandha ssir bejn il-kompetittività ekonomika u l-enfażi akbar fuq l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija? F'dan il-kuntest, ikun utli li kull Stat Membru jintalab li jistabbilixxi pjanijiet annwali ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, u sussegwentement li jqabbel il-pjanijiet fil-livell tal-Komunità sabiex tiġi żgurata firxa kontinwa ta' l-aħjar prassi? Jista' dan it-tip ta' trattament jiġi użat b'mod internazzjonali? Jekk iva, kif? (Taqsim 1.1.3)
4. Il-politika fiskali hija mod importanti biex tinkoraġixxi bidliet fl-imġiba u biex tippromwovi l-użu ta' prodotti ġodda li jużaw inqas enerġija. Dawn it-tip ta' miżuri, għandu jkollhom rwol akbar fil-politika Ewropea ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija? Jekk iva, liema tip ta' miżuri jkunu l-aktar adattati sabiex jinkiseb dan il-għan? Kif jistgħu jiġu implimentati b'tali mod li dawn ma jirriżultawx f'żieda ġenerali fil-piż tat-taxxi? Min iniġġes, kif se jiġi effettivament imġiegħel iħallas għall-att li jkun wettaq? (Taqsim 1.1.4)
5. Ikun possibbli li jiġu żviluppati regoli ta' għajnuna mill-istat li jkunu aktar favorevoli għall-ambjent, b'mod partikulari billi jinkoraġixxu l-eko-innovazzjoni u t-titjib fil-produttività? Liema forma jistgħu jieħdu dawn ir-regoli? (Taqsim 1.1.5)

6. L-awtoritajiet pubbliċi ta' spiss jidhru bħala eżempju. Għandha l-leġislazzjoni tpoġġi obbligi speċifiċi fuq l-awtoritajiet pubbliċi, pereżempju li dawn japplikaw f'bini pubbliku l-miżuri li jkunu ġew irrakkomandati fil-livell tal-Komunità jew f'dak nazzjonali? Jistgħu jew għandhom l-awtoritajiet pubbliċi jikkunsidraw l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-ksib pubbliku? Dan jgħin biex jinbnew swieq vijabbli għal ċertu prodotti u teknoloġiji ġodda? Kif jista' dan jiġi implimentat fil-prattika b'tali mod li jippromwovi l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u jipprovdi inċentivi lill-industrija biex din tfittex prodotti u proċessi ġodda effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija? Kif jista' jsir dan b'tali mod li jkun jista' jiffranka l-flus lill-awtoritajiet pubbliċi? F'dak li għandu x'jaqşam mal-vetturi, jekk jogħġbok ara l-mistoqsija 20. (Taqsim 1.1.6)
7. Fondi għal effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fl-imgħoddi ġew użati b'mod effettiv. Kif tista' din l-esperjenza tkun ripetuta u mtejbja? Liema miżuri jistgħu jiġu adottati b'mod utli fuq:
 - livell internazzjonali
 - livell ta' l-UE
 - livell nazzjonali
 - livell reġjonali u lokali?
 (Taqsim 1.1.7. Ara wkoll mistoqsija 22)
8. L-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-bini hija qasam fejn jista' jsir iffrankar importanti. Liema miżuri prattiċi jistgħu jittieħdu fil-livell ta' l-UE, dak nazzjonali, reġjonali jew lokali biex jiġi żgurat li d-Direttiva tal-Komunità dwar il-Bini li hemm bħalissa tkun suċċess fil-prattika? Għandha l-Komunità tmur lil hinn mid-Direttiva eżistenti, pereżempju billi testendiha għall-bini iżgħar? Jekk iva, kif jista' jinkiseb il-bilanċ xieraq bejn il-bżonn li jiġi ġenerat titjib fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u l-għan li piżijiet amministrattivi ġodda jiġu limitati għall-minimu possibbli? (Taqsim 1.2.1)
9. Li jingħataw inċentivi biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ta' akkomodazzjoni mikrija huwa kompitu diffiċli għaliex is-sid tal-bini normalment ma jħallasx il-kont ta' l-enerġija u għalhekk m'għandu l-ebda interess ekonomiku li jinvesti f'titjib fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija bħalma jista' tkun l-iżolazzjoni jew it-tqegħid ta' ħġieġ doppju fit-twieqi. Din l-isfida, kif tista' tkun indirizzata l-aħjar? (Taqsim 1.2.1)
10. Kif jista' l-impatt tal-leġislazzjoni fuq ir-rendiment tal-prodotti li jikkunsmaw l-enerġija għall-użu domestiku jkun imsaħħaħ? Liema huma l-aħjar metodi biex ikunu inkoraġġati l-produzzjoni u l-konsum ta' dawn il-prodotti? Jistgħu, pereżempju, ir-regoli preżenti fuq it-tikkettar ikunu mtejbja? Kif tista' l-UE tagħti bidu għar-riċerka u l-produzzjoni sussegwenti tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' prodotti effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija? X'miżuri oħra jista' jittieħdu fuq:
 - livell internazzjonali
 - livell ta' l-UE

- livell nazzjonali
- livell reġjonali u lokali?

(Taqsim 1.2.2)

11. Sfida importanti hija li jiġi żgurat li l-industrija tal-vetturi tipproduċi dejjem aktar vetturi effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija. Dan, kif jista' jsir bl-aħjar mod? Liema miżuri għandhom jittieħdu biex titkompla tittiejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-vetturi u f'liema livell? Sa liema grad għandhom dawn it-tip ta' miżuri jkunu volontarji fin-natura tagħhom u sa liema grad għandhom ikunu mandatorji? (Taqsim 1.2.3)
12. Kampanji ta' informazzjoni pubblika dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija pproduċew suċċess f'ċerti Stati Membri. X'aktar jista' jew għandu jsir f'dan il-qasam fuq:
 - livell internazzjonali
 - livell ta' l-UE
 - livell nazzjonali
 - livell reġjonali u lokali?

(Taqsim 1.2.4)

13. X'jista' jsir biex tittiejjeb l-effiċjenza tat-trasferiment u d-distribuzzjoni ta' l-elettriku? Kif għandhom jiġu implimentati dawn it-tip ta' inizjattivi fil-prattika? X'jista' jsir biex tittiejjeb l-effiċjenza ta' l-użu tal-fjuwil fil-produzzjoni ta' l-elettriku? Kif għandha tiġi promossa b'mod ulterjuri l-ġenerazzjoni distribwita u l-ġenerazzjoni konġunta? (Taqsimiet 2.1-2.3)
14. Li l-fornituri ta' l-elettriku u tal-gass jiġu inkoraġġati li joffru servizz ta' l-enerġija (jiġifieri li jaqblu li jsaħħnu dar għal temperatura mifthiema u li jipprovdu servizzi ta' dawli) aktar milli sempliċement jipprovdu l-enerġija huwa mod tajjeb biex tiġi promossa l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Taħt dawn it-tip ta' arranġamenti min jipprovdi l-enerġija jkollu l-interess ekonomiku li l-proprjetà tkun effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u li l-investimenti neċessarji jkunu saru. Inkella, kumpaniji ta' l-elettriku u tal-gass għandhom l-interess ekonomiku li dawn it-tip ta' investimenti ma jsirux, għaliex ibiegħu aktar enerġija. Kif tista' din it-tip ta' prassi tiġi promossa? Kodiċi jew ftehim volontarju huwa neċessarju jew xieraq?
15. F'numru ta' Stati Membri ġew jew qegħdin jiġu introdotti ċertifikati bojod (effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija). Dawn għandhom jiġu introdotti fil-livell tal-Komunità? Huwa dan neċessarju meta hemm il-mekkaniżmu ta' l-iskambju ta' emissjonijiet tal-karbonju? Jekk għandhom jiġu introdotti, kif jista' jsir dan bl-inqas burokrasija possibbli? Kif jistgħu jkunu marbuta mal-mekkaniżmu ta' kummerċ tal-karbonju? (Taqsim 2.4)
16. Li l-industrija tiġi mħeġġa li tiegħu vantaġġ minn teknoloġiji u tagħmir ġdid li jiġġenera effiċjenzi fl-użu ta' l-enerġija li jkunu biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, tirrappreżenta waħda mill-akbar sfidi f'dan il-qasam. Flimkien mal-

mekkaniżmu ta' kummerċ tal-karbonju, x'jista' jsir iktar u x'għandu jsir? Kemm kienu effettivi l-passi meħuda s'issa permezz ta' obbligi volontarji, miżuri li ma jorbtux li kienu adottati mill-industrija, jew permezz ta' kampanji ta' informazzjoni? (Taqsim 3)

17. Bilanċ ġdid bejn modi ta' transport – tema importanti ta' l-istrateġija stabbilita fil-Karta l-Bajda li l-Kummissjoni adottat fl-2001 dwar il-politika Ewropea tat-transport għall-2010 – għadu prijorità ewlenija. X'aktar jista' jsir biex jiżdied is-sehem mis-suq ta' transport ferrovjarju, marittimu u tal-kanali interni? (Taqsim 4.2)
18. Sabiex tiġi mtejbja l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija huwa neċessarju li jitlestew ċerti proġetti ta' infrastruttura min-netwerk tat-transport trans-Ewropew. L-investimenti meħtieġa għall-proġetti ta' infrastruttura, kif għandhom jiġu żviluppati? Bl-użu ta' liema sorsi ta' ffinanzjar? (Taqsim 4.2)
19. Fost il-miżuri li jistgħu jkunu adottati fis-settur tat-transport, liema għandhom l-akbar potenzjal? Għandha tingħata prijorità lill-innovazzjonijiet teknoloġiċi (tajers, magni ...), b'mod partikulari permezz ta' standards definiti flimkien ma' l-industrija, jew lill-miżuri regolatorji bħalma huwa l-limitu fuq il-konsum ta' fjuwil tal-karozzi? (Taqsimiet 4.3-4.5)
20. Għandhom l-awtoritajiet pubbliċi (stat, amministrazzjonijiet, awtoritajiet reġjonali u lokali) jkunu obbligati fil-ksib pubbliku tagħhom li għall-grupp ta' vetturi tagħhom jixtru persentaġġ ta' vetturi li jkunu effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija? Jekk iva, dan kif jista' jiġi organizzat b'mod li jkun teknoloġikament newtrali (jiġifieri ma jirriżultax f'taġħwiġ tas-suq lejn teknoloġija waħda partikulari)? (Taqsim 4.3)
21. L-iċċarġjar fuq l-infrastruttura, b'mod speċjali l-ħlas għall-użu tat-toroq, beda jiġi introdott fl-Ewropa. Fl-2003 saret l-ewwel proposta biex jissaħħaħ l-iċċarġjar tat-transport professjonali tat-triq. Il-ħlasijiet lokali tal-konġestjoni issa ġew introdotti f'xi bliet. Liema għandhom ikunu l-passi li jmiss fl-iċċarġjar fuq l-infrastruttura? Sa liema grad għandhom l-“ispejjeż esterni” bħat-tniġġis, il-konġestjoni u l-inċidenti jkunu ċċarġjati direttament lil dawk li jikkawżawhom b'dan il-mod? (Taqsim 4.4)
22. F'ċerti Stati Membri, skemi ta' ffinanzjar ta' proġetti lokali jew reġjonali ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, amministrati minn kumpaniji ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, kienu suċċess. Għandu dan jiġi estiż? Jekk iva, kif? (Taqsim 5.1)
23. Għandhom kwistjonijiet ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija jkunu aktar integrati fir-relazzjonijiet ta' l-Unjoni ma' pajjiżi terzi, speċjalment mal-ġirien tagħha? Jekk iva, kif? Kif tista' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ssir parti ewlenija mill-integrazzjoni ta' swieq reġjonali? Huwa neċessarju li l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jiġu mħeġġa biex iagħtu aktar attenzjoni għal kwistjonijiet marbuta ma' l-amministrazzjoni tad-domanda fl-assistenza teknika u finanzjarja tagħhom lill-pajjiżi terzi? Jekk iva, x'jistgħu jkunu l-aktar mekkaniżmi jew investimenti effettivi? (Taqsim 6)
24. Kif jistgħu l-avvanzi fit-teknoloġija u l-proċessi ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fl-Ewropa jiġu użati b'mod effettiv f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw? (Taqsim 6.3)


25. Għandha l-Unjoni tinnegozja vantaġġi ta' tariffi jew mhux ta' tariffi fi ħdan il-WTO għal prodotti effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija u tinkoraġġixxi membri oħra ta' l-WTO li jagħmlu l-istess? (Taqsim 6)

A. L-IDENTIFIKAR TA' L-OSTAKLI

L-embargi taż-żejt fil-bidu tas-sebgħinijiet wasslu pajjiżi ta' l-UE biex jaħsbu mill-ġdid dwar il-konsum tagħhom ta' l-enerġija sabiex isiru inqas dipendenti miż-żejt. Il-progress għal dan il-għan fl-Istati Membri kollha kisser ir-rabta sa issa inseparabbli bejn iż-żieda fil-GDP u fid-domanda għall-enerġija, diġà f'nofs is-sebgħinijiet. L-intensità ta' l-enerġija niżlet b'40% fil-Ġermanja u fid-Danimarka, u fi Franza hija 30% inqas minn kemm kienet fis-sebgħinijiet. Din is-separazzjoni tal-GDP u d-domanda għall-enerġija hija illustrata fil-figura ta' hawn taħt.

L-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil fil-karozzi żdiedet b'mod drammatiku⁵. Għarfien ta' l-importanza ta' użu razzjonali ta' l-enerġija fil-bini irriżultat f'iżolazzjoni aħjar. Franza, ngħidu aħna, daħlet għal programm ambizzjuż ta' ffrankar ta' l-enerġija, bl-għajta "M'għandniex żejt, imma għandna l-ideat," li haġġet il-bidla fil-qasam tal-produzzjoni ta' l-elettriku minn impjanti fejn tkun iġġenerata l-elettriċità mħaddma biż-żejt għal reatturi nukleari, u biż-żieda tat-taxxi fuq id-diesel.

L-iżvilupp tad-domanda għall-enerġija primarja u n-"negajoules" - EUR 25
("negajoules" : iffrankar ta' l-enerġija kkalkulat fuq il-bażi ta' l-intensità ta' l-enerġija ta' l-1971)



L-iżvilupp tad-domanda għall-enerġija primarja u tan-"negajoules" – EUR 25

("negajoules": iffrankar ta' enerġija kalkolat fuq il-bażi ta' l-intensità ta' l-enerġija fl-1971)

Sors: Enerdata

Ix-xokkijiet taż-żejt kienu inkoraġġiment fuq perjodu qasir ta' żmien biex jiġu mgħaġġla l-miżuri għal effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, imma n-nuqqas ta' miżuri strutturali fil-fond kienu jfissru li d-domanda ma setgħetx tiġi stabilizzata. Fi snin aktar reċenti ż-żieda l-ġdida tal-prezzijiet ta' l-enerġija fis-swieq dinjija u speċjalment tal-prezzijiet taż-żejt, stimulat interess ġdid fl-amministrazzjoni tad-domanda.

⁵ B'kuntrast ma' l-Istati Uniti, fejn il-konsum taż-żejt fil-bidu niżel imma mbagħad spiċċa biex żdied b'total ta' 16% mill-1973 sa l-2003, fi Franza, minkejja xi żieda fi snin reċenti, l-użu taż-żejt għadu b'10% aktar baxx illum milli kien tletin sena ilu u l-intensità ta' l-enerġija ta' Franza hija bi 30% aktar baxxa mill-1973.

Azzjoni effettiva biex jitnaqqas il-konsum ta' l-enerġija b'mod sostanzjali hija impossibbli jekk l-ewwel ma jiġux identifikati l-fatturi li huma l-bażi tal-ħela sabiex jiġu ttrattati fil-futur.

1. Il-ħtieġa li jiġu adottati miżuri speċifiċi biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija

Teoretikament, il-forzi tas-suq għandhom, maż-żmien, jipproduċu l-iżjed riżultat effiċjenti mingħajr interferenza. Madankollu, fid-dawl tal-karatteristiċi tekniċi tas-swieq ta' l-enerġija, jidher li hemm bżonn li din it-tip ta' bidla kkaġunata mis-suq tiġi promossa u akkumpanjata billi, b'aktar ħeffa, tiġi mtejbja l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u b'hekk tiġi mnaqqsa d-domanda għall-enerġija. Il-forzi tas-suq se jkomplu wkoll jkunu essenzjali meta tiġi mqabbla d-domanda mal-provvista.

L-iżjed ostaklu importanti għal iżjed effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija huwa n-nuqqas ta' informazzjoni (fuq l-ispejjeż u d-disponibilità ta' teknoloġija ġdida; nuqqas ta' informazzjoni fuq l-ispejjeż tal-konsum ta' l-enerġija tal-persuna stess; nuqqas ta' taħriġ ta' tekniċi dwar manutenzjoni xierqa u l-fatt li dawn l-aspetti m'humex ikkunsidrati kif xieraq mill-parteċipanti fis-suq). Din tista' tkun problema partikulari meta jsiru l-investimenti li normalment ikunu fuq perjodu twil ta' żmien. Deċiżjonijiet ta' investiment jistgħu wkoll ikunu influwenzati mill-problema ta' l-inċentiv maqsum (eż. bejn is-sid (li jinstalla l-kaldarun) u l-kerrej (li jħallas il-kont tat-tisħin); jew fejn il-baġit ta' investiment korporattiv ma jkunx koordinat mal-baġit ta' l-enerġija. Jista' wkoll ikun hemm prezzijiet li jiżgwidaw (minħabba l-esklużjoni ta' l-esternalitajiet, minħabba n-nuqqas ta' trasparenza). L-ostakli tekniċi bħan-nuqqas ta' standardizzazzjoni tat-tagħmir u l-komponenti li jużaw l-enerġija jista' wkoll jagħmilha aktar diffiċli għal teknoloġiji ġodda li jkunu effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija sabiex ikollhom impatt rapidu fis-suq. Fl-imgħoddi, negliġenzi regolatorji fis-setturi ta' monopolju ħolqu f'ċerti każi inċentivi involontarji għall-konsum fi strutturi ta' tariffi ta' l-enerġija. It-titjib fl-ordni regolatorju fl-UE u l-introduzzjoni ta' forzi tas-suq aktar trasparenti permezz tal-liberalizzazzjoni għandhom jindirizzaw dan il-problemi, iżda l-effetti ta' deċiżjonijiet ta' investiment preċedenti se jkunu magħna għal ħafna snin.

1.1. Ostakli finanzjarji fit-triq lejn reazzjoni xierqa tas-suq

In-nuqqas ta' informazzjoni u taħriġ dwar l-aħħar teknoloġiji u l-impatt ekonomiku u finanzjarju tagħhom fuq ir-rata ta' dħul mill-investiment, magħquda f'ċerti każi ma' stmellija għar-riskju assoċjat ma' l-adozzjoni bikrija ta' teknoloġiji u tekniki ġodda, jista' jinkoraġixxi l-investituri bħall-banek li jkomplu jappoġġaw teknoloġija skaduta saħansitra meta din ma tkunx l-aktar effiċjenti jew li toffru l-aħjar dħul. Il-promuturi ta' teknoloġiji li jiffrankaw l-enerġija ovvjament jeħtieġu li jagħtu prova tal-każ tagħhom meta jkunu qed ifittxu s-sostenn minn investituri potenzjali bħall-banek jew fondi ta' riskju ta' kapital. Kumpaniji li jipprovdu servizz ta' l-enerġija (ESCO) ukoll se jkollhom r-rwol importanti hawnhekk. L-industrija, l-investituri, u l-konsumaturi b'mod ġenerali għandhom ukoll jiġu inkoraġġati sabiex jinkludu l-alternattiva ta' l-iffrankar ta' l-enerġija fl-ippjanar finanzjarju tagħhom. Dawk interessati għandhom jiġu mgħarrfa bil-proporzjon verament pożittiv tar-relazzjoni bejn il-valur u l-benefiċċju, u kultant, bil-perjodi qosra ħafna ta' ħlas lura – anke inqas minn sena f'ċerti każi – għal investimenti fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Għodod sempliċi jistgħu jiġu żviluppati għall-valutazzjoni tar-riskju ta' proġetti bħalma huma manwali ta' analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja u programmi tal-kompjuter u verifiki tal-grad ta' l-investiment fl-enerġija.

Barra minn hekk, hemm nuqqas ta' aċċess għal strumenti finanzjarji xierqa li jagħtu sostenn lill-miżuri li jsaħħu l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, liema miżuri huma b'mod predominanti

fuq skala żgħira. L-esperjenza turi li l-intermedjarji tradizzjonali, b'mod partikulari l-banek, ħafna drabi jsibuha bi tqila li jagħtu sostenn lill-proġetti ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Triq waħda li trid tiġi esplorata hija l-idea ta' self "globali"⁶, fejn il-fondi huma sussegwentement distribwiti mill-ġdid permezz ta' intermedjarju jew istituzzjoni bankarja b'aktar kompetenza teknika u ekonomika fil-qasam ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Opportunità oħra hija dik ippreżentata mill-mudelli ta' ffinanzjar ibbażati fuq tfaddil maqsum u preżentement użati f'ċerti Stati Membri. Dawn il-mudelli jinkludu l-iffinanzjar minn terza persuna u l-kuntrattar ta' rendiment.

1.2. Il-ħtieġa ta' servizzi ta' l-enerġija

Il-ftuħ tas-swieq kellu effett pożittiv fuq l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Pressjoni kompetittiva ġiegħlet kumpaniji ta' l-elettriku jipproduċu bil-mod l-iżjed effiċjenti, b'mod partikulari permezz ta' investimenti fit-teknoloġija, (eż. bħal turbini tal-gass b'ċiklu magħqud).

Il-ftuħ tas-swieq kellu impatt fuq il-prezzijiet ta' l-elettriku. Għalhekk, għall-industrijalisti kbar li jużaw l-enerġija, il-prezzijiet ta' l-elettriku niżlu f'termini reali b'medja ta' 10-15% bejn l-1995 u l-2005. Madankollu, baqa' x'isir biex tiġi żgurata kompetizzjoni reali u effettiva fl-oqsma kollha ta' l-UE. Għal dan il-għan il-Kummissjoni fl-aħħar tas-sena se tadotta rapport sħiħ fuq l-istat tas-suq, u reċentement nidiet ukoll inkjesta settorjali dwar il-kompetizzjoni.

Fih innifsu, il-fatt li l-prezzijiet għall-enerġija qed jitbaxxew ma jinkoraġġix la l-konsum b'attenzjoni u lanqas l-investimenti fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Hemm numru ta' kumpaniji li jipprovdu soluzzjonijiet ta' effiċjenza u li qegħdin jiġu mħallsa mill-iffrankar ta' l-enerġija ("ESCO"). Dawn il-kumpaniji xorta għandhom bżonn ta' sostenn ta' politika f'għamla ta' għajnuna għat-tixrid ta' l-attivitajiet tagħhom, għal standards ta' kwalità, u għall-aċċess għall-finanzjamenti, peress li huma għadhom fl-istadju bikri tagħhom. L-iżvilupp ulterjuri ta' l-industrija ta' l-ESCO jista' jikkontribwixxi bil-kbir għall-implimentazzjoni ta' bosta proġetti addizzjonali li jagħtu benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, u jista' jkollu rwol importanti sabiex iservi ta' pont bejn atturi differenti fuq in-naħa tal-provvista ta' enerġija u teknoloġija u fost il-konsumaturi ta' l-enerġija.

Il-Kummissjoni hija tabilħaqq konxja bid-dilemma taż-żieda fil-konsum li tirriżulta minn prezzijiet aktar baxxi kkawżati minn aktar effiċjenza assicurata bl-introduzzjoni ta' forzi tas-suq. Għal din ir-raġuni, f'Diċembru ta' l-2003, hija pproponiet Direttiva dwar l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u s-servizzi.

2. Il-ħtieġa ta' azzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi

L-awtoritajiet pubbliċi, nazzjonali jew Ewropej, għandhom rwol importanti fl-ikkompensar għall-insuffiċjenzi tas-suq. Madankollu, dan mhuwiex dejjem fil-kapaċità tagħhom. Bosta raġunijiet jispjegaw dan in-nuqqas.

L-Istati Membri għarfu li għandu jsir aktar biex tiġi żgurata effiċjenza akbar fl-użu ta' l-enerġija. Huma jsibuha bi tqila li jimpenjaw ruħhom għat-tnaqqis annwali mandatorju fil-

⁶ Il-Bank Ewropew ta' l-Investiment eż., jidħol fi sħubiji ma' l-intermedjarji (normalment banek nazzjonali jew lokali) biex jipprovdi self globali, li jkun imbagħad misluf permezz ta' dawn l-intermedjarji sabiex jiffinanzja proġetti iżgħar.

konsum ta' l-enerġija b'1% li hu msemmi fid-Direttiva proposta dwar is-servizzi ta' l-enerġija.

Barra minn hekk, l-ġhajjnuna mill-Istat u l-miżuri tat-taxxa huma żewġ għodod li huma spiss użati ħażin. L-ġhajjnuna mill-Istat hija mogħtija mhux biss favur l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija imma wkoll għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku bl-użu ta' fjuwils li ma jagħtux l-ġhola produzzjoni ta' enerġija. Hemm ukoll l-effett ta' kwantità kbira ta' sussidji żgħar differenti li għandhom biss impatt ġenerali limitat ħafna. L-istess jgħodd għall-istrumenti tat-taxxa. Il-livelli ta' taxxa għandhom, fil-prinċipju, jkunu mnaqqsqa fuq prodotti speċifiċi b'konsum baxx ta' enerġija, u mgħollija fuq daww b'domanda għolja.

Fl-aħħarnett hemm il-ħtieġa ta' skrutinju kontinwu u attent ta' aktar inkorporazzjonijiet ta' kumpaniji fis-setturi ta' l-enerġija u t-trasport, li jistgħu jwasslu għal ambitu iktar estiż fir-rigward ta' l-abbuż tal-poter fis-suq, u mhux neċessarjament għal effiċjenza akbar fl-użu ta' l-enerġija.

3. L-ispejjeż esterni u t-trasparenza tal-prezzijiet

Is-sistema preżenti ta' pprezzar għal prodotti ta' l-enerġija ma tiggwidax lill-konsumaturi lejn forum ta' konsum li joffru użu ta' l-enerġija aktar ekonomiku u razzjonali.

Barra minn hekk, ma tikkunsidrax il-valur enerġetiku relattiv tal-prodotti, u lanqas ta' l-impatt ambjentali ta' l-użu tagħhom. Is-sistema preżenti ta' pprezzar ma toffrix il-garanzija li l-ispejjeż esterni jkunu inklużi. Ovvjament dan mhuwiex iċċentiv biex wieħed jikkonsma anqas, jew biex tiġi prodotta enerġija minn sorsi aktar favur l-ambjent. Din il-problema hija akuta b'mod partikulari fis-settur tat-trasport. Fil-Karta l-Bajda dwar it-Trasport 'Politika Ewropea tat-trasport għall-2010: iż-żmien li niddeċiedu', ppubblikata f'Settembru ta' l-2001⁷, il-Kummissjoni kienet ta' l-opinjoni li sakemm il-prezzijiet jonqsu milli jirriflettu l-ispejjeż soċjali kollha tat-trasport, id-domanda se tkompli tkun artifiċjalment eċċessiva. Jekk ikunu applikati strateġiji politiċi xierqa ta' ċċarġjar fuq l-infrastruttura, dawn l-ineffiċjenzi fil-biċċa l-kbira tagħhom aktarx li jisparixxu.

L-istruttura preżenti ta' pprezzar u l-prezzijiet baxxi jistgħu saħansitra jwasslu għal konsum ogħla. Hemm nuqqas ta' sforz biex tingħata l-opportunità lill-konsumaturi li jifhmu l-prezz tal-konsum tagħhom. Sistema ta' qari tad-dawl li taħdem fi żmien reali (l-hekk imsejħa "*smart meters*") tista' tnaqqas il-konsum fi żmien meta l-prezz ta' l-elettriku jkun għoli.

4. L-informazzjoni u l-edukazzjoni: żewġ għodod mhux użati biżżejjed

Filwaqt li huwa meqjus normali li jiġu mnedija kampanji pubbliċi ta' informazzjoni biex jinkoraġġixxu n-nies sabiex jixorbu inqas alkoħol; s'issa għet mogħtija inqas attenzjoni lill-kampanji ta' pubbliċità dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

Kampanji ta' pubbliċità li jipprovdu informazzjoni ċara dwar kif tiffirka l-enerġija b'mod li joffri benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li wieħed ikun nafaq, kif ukoll kampanji li jstimolaw lill-konsumaturi biex jieħdu azzjoni, jistgħu jkunu effettivi fit-tibdil tal-perċezzjonijiet u jistgħu jinkoraġġixxu l-pubbliku biex jieħu azzjoni. F'dan ir-rigward, jistgħu jiġu identifikati azzjonijiet fuq tliet livelli:

⁷ http://europa.eu.int/comm/energy_transport/wp_en.html

- informazzjoni liċ-ċittadini fuq kwistjonijiet bħal kif jiġi mnaqqas il-konsum ta' l-enerġija fid-djar, permezz, pereżempju, ta' tagħmir effiċjenti ta' dawl u tisħin u permezz ta' deċiżjonijiet sensibbli fix-xiri,
- informazzjoni lill-konsumaturi industrijali, u
- informazzjoni lill-esperti ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u lil min jipprovdi s-servizzi sabiex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha jkun hemm netwerk attiv b'dawn it-tip ta' esperti mħarrġa.

M'għandux ikun diffiċli li wieħed jikkonvinċi lill-konsumaturi bil-fatt li b'miżuri relattivament sempliċi, familja medja Ewropea tista' tiffranka ammont sostanzjali fin-nefqa tagħha, li hija speċjalment importanti għall-familji li jonfqu parti kbira mill-baġit tagħhom fuq l-enerġija.

L-edukazzjoni u t-taħriġ jista' jkollhom rwol importanti fit-tisħiħ ta' kultura ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Xi eżempji jistgħu jinkludu ċerti aspetti ta' edukazzjoni ċivika f'xi Stati Membri jew it-twaqqif ta' korsijiet speċifiċi ta' taħriġ dwar kif tista' tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fl-intrapriżi. Il-programmi Ewropej fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ jistgħu jikkontribwixxu biex tinfirex prassi tajba fost l-Istati Membri kif ukoll biex ikunu inkoraġġati proġetti ta' kooperazzjoni fuq dawn is-suġġetti matul il-firxa kollha tat-tagħlim tul il-ħajja.

Barra minn hekk, mal-ftuħ tas-swieq ta' l-enerġija għall-kompetizzjoni, fl-Istati Membri kollha ġew maħluqa awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Ir-rwol tagħhom huwa li jiggarrantixxu kompetizzjoni ġusta, imma l-leġislazzjoni tal-Komunità tipprovdi wkoll li huma għandhom jissorveljaw tendenzi sostenibbli fil-konsum ta' l-enerġija. Dan ir-rwol ta' regolaturi għandu jiġi msaħħaħ fil-futur.

It-titjib annwali fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fid-disgħinijiet kien ta' 1.4% kull sena, imma minn dak iż-żmien din ir-rata naqset u bħalissa hija stazzjonarja f'0.5%. Dan juri li l-isforzi preżenti għadhom m'humiex biżżejjed.

B. INIZJATTIVA EWROPEA

Id-determinazzjoni ta' politika dwar l-enerġija għall-UE hija biċċa xogħol kumplessa. Min-naħa l-waħda, pendenti fuq id-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, ir-responsabbiltà ta' l-Unjoni f'dan il-qasam mhijiex definita b'mod ċar. Għal din ir-raġuni, il-miżuri ta' l-enerġija fil-politika tal-Komunità kellhom jiġu adottati bl-użu ta' bażi legali oħra preżenti fit-Trattati eżistenti. Min-naħa l-oħra, l-enerġija hija qasam b'numru kbir ta' interessati: gvernijiet, regolaturi nazzjonali, intrapriżi kbar, awtoritajiet lokali, eċċ. Għalhekk, biex jiġu mmobilizzati dawk kollha interessati u biex tiġi mibdula l-politika ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fuq perjodu twil ta' żmien, huwa essenzjali li jkun hemm messaggġ politiku b'saħħtu.

Azzjoni b'saħħitha fil-qasam ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-fatt teħtieġ qafas ġenerali ta' strutturar. L-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll l-industrija, se jkunu dawk responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dan il-qafas, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Hija biss taħlita ta' miżuri fid-diversi livelli (UE, Stati Membri, reġjuni, livell lokali, industrija) li tista' tippermetti li jiġi sfruttat il-potenzjal kollu.

L-UE se tkompli kemm jista' jkun tiżviluppa strumenti tas-suq, b'mod partikulari ftehimiet volontarji ma' l-industrija u kampanji ta' informazzjoni, sabiex iżżid l-għarfien tal-konsumaturi. Imma filwaqt li dawn l-istrumenti jistgħu jkunu effettivi ħafna, ma jistgħux dejjem jieħdu post l-adozzjoni ta' miżuri regolatorji li jkunu maħsuba biex jikkoreġu inadegwatezzi tas-suq u biex jipprovdu sinjali xierqa għall-konsumaturi meta dan ikun neċessarju.

Skond studji⁸ disponibbli l-UE tista' tiffranka 20% ta' l-użu preżenti tagħha ta' l-enerġija b'mod li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu. Dawn l-istudji jindikaw li madwar nofs minn dawn jista' jirriżulta mill-applikazzjoni sħiħa ta' miżuri eżistenti, b'mod speċjali direttivi tal-Komunità li diġà qegħdin fis-seħħ jew li tressqu għad-diskussjoni. Din il-Green Paper tfittex li tniedi proċess biex il-potenzjal jiġi uttilizzat fil-prattika u tfittex li tidentifika u sussegwentement timplimenta kemm jista' jkun miżuri li jagħtu benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, biex tiffranka sa 20%. Biex tagħmel dan, l-Unjoni għandha taħdem b'mod rapidu lejn Pjan ta' Azzjoni konkret, li se jiġi fformulat wara konsultazzjoni mifruxa mal-partijiet interessati wara din il-Green Paper, u, fejn neċessarju, wara analiżi tar-relazzjoni bejn il-valur u l-benefiċċju. Dan it-tip ta' Pjan ta' Azzjoni għandu jimmobilizza l-interessati kollha: gvernijiet nazzjonali, reġjuni, municiplalitajiet, industrij, u individwi – u jkopri s-setturi kollha li jipproduċu u jikkunsmaw l-enerġija. F'dan it-tip ta' Pjan ta' Azzjoni t-tipi kollha ta' azzjonijiet li jagħtu benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu għandhom jiġu kkunsidrati, inklużi t-tassazzjoni, is-sussidji pubbliċi, l-inċentivi ekonomiċi, l-isħubiji ma' l-industrija, eċċ.

1. Azzjoni fil-livell tal-Komunità

1.1. L-integrar ta' l-enerġija f'politika oħra tal-Komunità

Lil hinn minn dawk il-miżuri li jistgħu jiġu proposti biex tiġi mtejbja l-effiċjenza settorjali fl-użu ta' l-enerġija, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom poteri “orizzontali” li bħalissa mhumiex jiġu użati biżżejjed. L-UE għandha għalhekk tagħti importanza ċentrali lill-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, permezz ta' l-użu ta' għodod li urew il-valur tagħhom f'oqsma oħra tal-politika.

1.1.1. Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku

F'dan ir-rigward, huwa importanti li tiġi msemmiya l-importanza tar-riċerka. Bosta teknoloġiji (ta' l-użu finali) promettenti għadhom jinħtieġu s-sostenn tar-riċerka u żvilupp. Investimenti tal-Komunità u ta' l-industrija fir-riċerka u l-iżvilupp għal teknoloġiji emerġenti aktar

⁸ Memorandum ta' spjegazzjoni għad-Direttiva proposta dwar l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija – KUMM(2003) 739. MURE Database Simulation 2000, SOS Italja; *Economic Evaluation of Sectoral Emissions Reduction Objectives for climate change*, Blok u Joosen, ECOFYS, Utrecht, 2000; *Energy Efficiency Indicators*, ODYSSEE, ADEME, Pariġi, 2004; *The Mid-term Potential for Demand-side Energy Efficiency in the EU*, Lechtenböhrer u Thomas, Wuppertal Institutie, 2005; *Powering Profits: How Companies turn energy efficiency into shareholder value*, *Green Business Letter*, April 2005; *Improving energy efficiency by 5% and more per year*, K. Blok, li għandu jiġi ppubblikat fil-*Journal of Industrial Ecology*; *The Potential for more efficient electricity use in Italy*, F. Krause; *The Energy Efficiency Challenge*, WWF, 2005; Kunsill Ewropew għal ekonomija effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija, Proċeduri 2005 studju tas-Sajf: *Energy savings, What works and who delivers?*, www.eceee.org

effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija għandhom jippermettu lill-UE li żżomm it-tmexxija teknoloġika f'dan il-qasam u li ttejjeb aktar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija lil hinn mill-2020.

B'mod partikulari, numru ta' problemi enfażizzati f'dan id-dokument (sehem akbar ta' enerġija li tiġġedded, l-effiċjenza tal-produzzjoni ta' l-elettriku bbażata fuq fjuwil magħmul mill-fossili, networks ta' l-elettriku aktar effiċjenti, effiċjenza tal-vetturi,...) jistgħu biss ikunu mtaffija permezz ta' riċerka effiċjenti u attivitajiet ta' dimostrazzjoni marbuta ma' miżuri regolatorji oħra u ma' miżuri bbażati fuq l-ekonomija.

Fis-6 ta' April 2005, il-Kummissjoni adottat proposta għas-seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp. Għall-enerġija, huwa propost li, fi ħdan il-"programm ta' kooperazzjoni" prinċipali, ikun hemm konċentrazzjoni fuq numru limitat ta' prijoritajiet ewlenin li jirriflettu l-prijoritajiet tal-politika tal-Kummissjoni l-għdida, li fosthom jistgħu jissemmew: materjali li jiġġeddu għall-ġenerazzjoni ta' l-elettriku u l-produzzjoni tal-fjuwil, teknoloġiji nodfa tal-faħam, networks intelliġenti ta' l-enerġija u effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija⁹. Il-"karozza nadifa u mhux perikoluża" huwa eżempju tajjeb, li għalih, fir-rigward ta' l-enerġija, huma ppjanati proġetti ta' dimostrazzjoni għall-fjuwils alternattivi tal-magni (bijo-fjuwils).

Sforzi konsiderevoli ta' riċerka qegħdin ukoll jiġu ffukati fuq l-amministrazzjoni ta' l-elettriku għal sistemi tal-kompjuter u fuq teknika ta' "tiftix" ta' l-enerġija fir-rigward ta' apparati elettroniċi li jieħdu l-elettriku tagħhom minn sorsi ambjentali bħall-moviment ta' l-utent, is-sħana tal-ġisem jew id-dawl tax-xemx.

1.1.2. Il-promozzjoni ta' l-aħjar prassi u teknoloġija

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll li testendi l-programm "L-Ewropa ta' l-Użu Intelliġenti ta' l-Enerġija" għall-perjodu 2007-2013, u b'bāgħit (miżjud bil-kbir) ta' € 780 miljuni. Il-programm se jagħti sostenn lil firxa wiesgħa ta' attivitajiet promozzjonali u se jindirizza ostakli mhux teknoloġiċi (legali, finanzjarji, istituzzjonali, kulturali, soċjali) fl-oqsma ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u fis-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu.

1.1.3. Id-determinazzjoni u l-promozzjoni ta' l-aħjar prassi fil-livelli kollha permezz ta' Pjanijiet ta' Azzjoni nazzjonali

Il-linji ta' gwida integrati għall-iżvilupp u l-impjiegi, li mill-2005 jiġbru flimkien il-linji ta' gwida prinċipali għall-istrateġiji politiċi ta' l-ekonomija u l-impjiegi ta' l-Istati Membri, se jipprovdu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha b'qafas stabbli u koerenti għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet ta' prijorità identifikati mill-Kunsill Ewropew taħt l-Istrateġija ta' Liżbona. Huma se jkun l-bażi għal programmi nazzjonali li l-Istati Membri se jkun meħtieġa li jimplementaw.

Dawn il-linji ta' gwida, adottati mill-Kummissjoni fit-12 ta' April 2005 għall-perjodu 2005-2008, jenfażizzaw li t-tendenzi reċenti u mbassra tal-prezzijiet taż-żejt juru li jeħtieġ li tingħata prijorità lil azzjoni favur l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Id-dewmien ta' l-isforzi tagħna biex niffaċċjaw dawn l-isfidi jistgħu jżidu l-ispiża ekonomika tal-miżuri meħuda. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lill-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija "skond l-obbligi Ewropej preżenti".

⁹ Dan jinkludi suġġetti bħal ċelloli tal-fjuwil, ġenerazzjoni distribwita u networks intelliġenti ta' l-enerġija, effiċjenza aħjar ta' impjanti ta' l-elettriku magħmul mill-fossili u materjal użat għan-nar u bijo-fjuwils fit-trasportazzjoni.

L-Istati Membri għandhom, kif xieraq, jagħtu l-attenzjoni dovuta lill-għan li tkun imtejba l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-kuntest tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-iżvilupp u għall-impjiegi.

F'dan il-kuntest, waħda mill-miżuri prinċipali li se tkun ikkunsidrata matul il-perjodu ta' konsultazzjoni wara l-adozzjoni ta' din il-Green Paper hija l-possibbiltà li jiġi miftiehem li, pereżempju fuq bażi annwali, kull Stat Membru jkun jista' jadotta Pjan ta' Azzjoni ta' Effiċjenza fl-użu ta' l-Enerġija, li fih isemmi l-miżuri speċifiċi li jkun iddeċida li jwettaq, jew b'riżultat ta' leġislazzjoni tal-Komunità jew inkella fuq inizzjattiva tiegħu stess, sabiex jikseb għan partikolari għall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fis-sena li tkun geġja. Dan it-tip ta' Pjan jista' jkun adottat fuq bażi annwali, fejn jagħmel reviżjoni tas-suċċess tal-miżuri meħuda matul is-sena preċedenti, kemm f'termini ta' ffrankar ta' l-enerġija u tal-benefiċċju li jagħti fil-konfront tal-flus li jkunu intefqu, u fejn jiddetermina miżuri ġodda u, possibbilment għan ġdid, għall-perjodu sussegwenti. Dawn il-Pjanijiet jistgħu jiġu akkumpanjati bi proċess ta' Reviżjoni Pari fil-livell tal-Komunità permezz ta' Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija, kif ukoll permezz tal-Forum dwar l-Enerġija Sostenibbli, segwit b'iċċekkjar annwali mill-Kummissjoni. Din ir-reviżjoni u dan il-proċess ta' iċċekkjar ikunu jistgħu jitqabblu ma' l-aħjar prassi bil-ħsieb li dawn jinfirxu minn naħa għall-oħra tal-Komunità.

1.1.4. Użu aħjar tat-tassazzjoni

Iktar milli huwa l-każ illum, l-UE setgħet tippromwovi miżuri tat-taxxa li jew jinkoraġġixxu jew jiskoraġġixxu ċerti forom ta' mgħiba. Fil-mument, il-politika tat-taxxa tal-Komunità xorta għadha spiss iżżejjed għodda sempliċi għas-servizz tal-baġit, mingħajr wisq koerenza ma' l-għanijiet ta' strateġiji politiċi oħra, u mimlija eċċezzjonijiet mitluba mill-Istati Membri għal kull tip ta' konsiderazzjonijiet. Madankollu, għandu jkun rikonoxxut li saru sforzi serji fil-livell tal-Komunità, kif muri bl-adozzjoni tad-Direttiva 2003/96/KE dwar it-tassazzjoni ta' l-enerġija, li tistabbilixxi kuntest favorevoli għall-ġenerazzjoni konġunta (CHP), l-iżvilupp ta' materjali li jiġġeddu, it-transport tax-xmajjar jew tal-ferroviji, eċċ. Proposti sostanzjali jinsabu fuq il-mejda tal-Kunsill, speċjalment fir-rigward tal-fjuwil tad-diesel għal użu fin-negozju. Preżentement hemm għaddejja wkoll riforma fil-fond f'dak li għandu x'jaqsam mal-vetturi tal-passiġġieri.

It-tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija, f'għamla ta' dazji, taqa' taħt il-kompetenza ta' l-UE. Din l-għodda tista' tiġi użata biex **nersqu lejn l-armonizzar ta' l-ordnijiet prevalenti tat-taxxa, pereżempju għas-sostenn ta' l-iżvilupp ta' vetturi li jużaw fjuwils aktar nodfa u li huma aktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija.**

Fil-livell tal-Komunità, il-koerenza tal-qasam kollu tat-tassazzjoni tal-vetturi għandha tiġi riveduta. Għandu jiġi maħsub qafas ġdid li jippermetti li jiġu introdotti mekkaniżmi sabiex ikun possibbli li jiġu ddifferenzjati t-taxxi – pereżempju, it-taxxi tat-triq u tar-reġistrazzjoni – skond il-konsum ta' l-enerġija. Dan se jippermetti wkoll li jiġi meqjus il-livell ta' l-emissjoni CO₂. Il-qafas ġdid għandu jinkoraġġixxi vetturi b'konsum baxx u jippenalizza lil dawk li “jibilgħu il-fjuwil”. Din it-tip ta' politika, li tista' tkun mfassla b'mod li ma jkollhiex impatt fuq il-baġit ta' l-Istati Membri, tista' tagħmel it-tassazzjoni tal-vetturi “aktar ħadra” billi tinkoraġġixxi x-xiri ta' vetturi b'konsum baxx. Hija wkoll tista' tgħin biex jitfaċċaw swieq ġodda għall-industrija billi tħaffef ir-rata ta' sostituzzjoni tal-vetturi.

Fl-2002 il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar it-tassazzjoni tal-vetturi¹⁰ li fiha numru ta' rakkomandazzjonijiet u azzjonijiet futuri. Fuq din il-bażi l-Kummissjoni tqis proposta li tibbaża fuq żewġ għanijiet prinċipali:

- iffunzjonar imtejjeb tas-suq intern f'dan il-qasam;
- ristrutturar tal-bażi tat-taxxa biex tinkludi elementi direttament relatati ma' l-emissjonijiet CO₂, b'mod partikulari għal karozzi b'qawwa kbira. Dan ikun jimplika bidliet paralleli kemm fit-taxxi ta' reġistrazzjoni u kemm f'dawk intaxxati meta karozza tinħareġ għall-ewwel darba fit-triq.

Aktar opportunitajiet jeħtieġ li jiġu analizzati bil-ħsieb li jiġi msaħħaħ l-impatt pożittiv tat-tassazzjoni fuq strateġiji politiċi favur l-effiċjenza akbar fl-użu ta' l-enerġija. F'dak il-kuntest id-dibattitu jista' jiffoka fuq ideat bħall-:

- konċentrazzjoni ta' l-isforzi fir-rigward ta' dazji fuq ftit oqsma politiċi essenzjali (pereżempju, l-armonizzazzjoni ta' rati fejn jinqalgħu problemi sostanzjali li jinvolvu tfixkil tal-kompetizzjoni, l-użu ta' miżuri ta' taxxa differenzjati sabiex jiġu promossi materjali li jiġġeddu);
- li jinġiebu iktar qrib xulxin ir-rati ta' dazji fuq prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku kkunsmat f'attivitajiet ta' produzzjoni, imma fl-ogħla tarf ta' l-iskala, u li jiġi introdott indiċi awtomatiku tar-rati kollha ta' dazju sabiex jiġi evitat li dan jitgħawwar bl-inflazzjoni;
- it-trattament tat-taxxa tat-trasport, kemm f'dak li għandu x'jaqşam ma' dazji kif ukoll mal-VAT;
- il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' aġġustamenti tal-kummerċ fil-fruntieri;
- it-trattament tat-taxxa tat-tidħil għall-produzzjoni tas-sħana, b'mod partikulari għall-iżviluppi kbar tad-djar;
- ir-razzjonalizzar ta' l-eżenzjonijiet u l-eċċezzjonijiet tat-taxxa.

Jekk jirriżulta impossibbli li jsir progress minħabba l-ħtieġa ta' deċiżjoni unanima fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta, kooperazzjoni mtejbja fil-qasam ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tista' tkun ikkunsidrata bħala l-aħħar għajjnuna. Il-kooperazzjoni mtejbja, introdotta bit-Trattat ta' Amsterdam, tippermetti lil grupp ta' Stati Membri li jikkooperaw aktar fil-fond bejniethom filwaqt li jħallu l-bieb miftuħ għal Stati Membri oħra li jkunu jixtiequ jingħaqdu magħhom aktar tard. Fost il-kundizzjonijiet varji imposti mit-Trattat, il-kooperazzjoni mtejbja m'għandhiex tikkostitwixxi ostaklu għall-kummerċ bejn l-Istati Membri u lanqas m'għandha tfixkel il-kompetizzjoni. F'dan ir-rigward, ma jidhirx li dan it-tip ta' grupp ta' Stati Membri, li jiddeċiedu flimkien dwar miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, jistgħu jagħmlu xi waħda minn dawn l-affarijiet.

1.1.5. Għajjnuna mill-Istat immirata aħjar

Għajjnuna mill-Istat favur l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija approvata mill-Kummissjoni skond il-linji ta' gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali.

¹⁰ KUMM(2002) 431.

Il-linji ta' gwida preżenti jiskadu fl-aħħar ta' l-2007. **Ir-reviżjoni ta' dawn il-linji ta' gwida, li x-xogħol ta' preparazzjoni għalihom għandu jibda matul l-2005, se tipprovdi l-opportunità biex issir aktar enfażi fuq miżuri maħsuba biex jinkoraġixxu l-eko-innovazzjoni u l-benefiċċji fil-produttività li jirriżultaw minn żieda fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.**

Din ir-reviżjoni tista' wkoll tkun l-okkażjoni biex tiġi pprovduta eżenzjoni għall-innotifikar ta' l-għajnuna taħt ċertu livell, li tkun tista' tagħti marġni aktar wiesgħa għall-immanuvrar lill-Istati Membri biex jiffinanzjaw miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

1.1.6. Il-liberalizzazzjoni ta' l-akkwist pubbliku

Jeżistu ħafna teknoloġiji biex itejbu l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Il-problema hija li, għal uħud mit-teknoloġiji ġodda effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija, is-suq mhuwiex sinifikanti biżżejjed biex jippermetti li tiġi kkompensata spiża akbar ta' żvilupp u produzzjoni permezz ta' żieda fin-numru ta' bejgħ.

Il-ksib pubbliku jista' jikkostitwixxi inċentiv għall-kisba ta' dan l-għan. Huwa jammonta għal xi 16% tal-GDP ta' l-Unjoni¹¹. In-numru ta' vetturi mixtrija minn korpi pubbliċi ġie stmat li hu ta' 100 000 karozza, 100 000 vann, 30 000 trakk u 15 000-il xarabank kull sena fil-15 ta' l-UE biss. **Jekk l-awtoritajiet pubbliċi (stati, amministrazzjonijiet, awtoritajiet lokali) jistgħu kollettivament jiksbu vetturi li jniġġsu anqas u li jkunu aktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija, dan għandu b'mod ċar jinkoraġġixxi lill-produtturi tal-magni billi jgħin sabiex tinbena l-kredibilità fis-suq ta' dawn it-tip ta' vetturi.** Dan is-suġġett huwa parti mid-diskussjonijiet li għaddejjin bħalissa fil-grupp CARS 21. Pereżempju, jekk l-awtoritajiet urbani lokali, fejn it-tniġġis qabeż ċertu livell, iħallu 25% mix-xiri tagħhom għal vetturi aktar nodfa u effiċjenti, dan għandu jirrapreżenta kważi 60 000 vettura kull sena.

Il-karozzi huma biss eżempju wieħed fost ħafna li jistgħu jissemmew. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni qiegħda tfittex li tippromwovi ksib pubbliku 'aħdar' (relatat mal-ħarsien ambjentali) u li thegġegħ xerrejja pubbliċi Ewropej (fil-livelli federali jew reġjonali/lokali) li jinkludu kriterji ambjentali fil-kuntrattazzjoni tagħhom¹². Ix-xiri mill-awtoritajiet pubbliċi kollha għandu jikkonċerna lill-awtoritajiet nazzjonali imma wkoll lill-istituzzjonijiet Ewropej, għaliex dawn ta' l-aħħar għandhom jaġixxu ta' gwida permezz ta' l-eżempju tagħhom u għandhom jifihom swieq ġodda għal prodotti li jużaw inqas enerġija.

1.1.7. Li jinstab iffinanzjar Ewropew

L-iffinanzjar huwa wieħed mill-akbar problemi li għandhom jiġu solvuti, b'mod speċjali meta wieħed jiftakar li xi industriji jiddikjaraw li bħalissa jridu jgħaddu madwar sentejn biex jaraw il-qliġh fuq investiment li jkunu għamlu. L-Istati Membri diġà wettqu mekkaniżmi ta' sostenn differenti fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari għajjnuna fuq l-investiment kif ukoll tnaqqis u eżenzjonijiet fiskali. Sabiex tiżdied l-effiċjenza ta' dawn l-iskemi u biex tinkiseb il-kunfidenza ta' l-investituri, huwa importanti li jsir ħsieb dwar il-ħolqien ta' qafas aktar favorevoli għal investimenti f'dan is-settur. Dan il-qafas jista' jkun imsaħħaħ aktar jekk ikun armonizzat fil-livell tal-Komunità, u b'hekk jimplika b'mod partikolari l-Bank Ewropew ta' l-Investiment (b'mod speċjali taħt it-titlu ta' 'faċilitajiet tar-riskju').

¹¹ http://europa.eu.int/comm/internal_market/publicprocurement/studies_en.htm

¹² <http://europa.eu.int/comm/environment/GPP>

Għall-politika ta' koeżjoni ta' l-UE fil-perjodu ta' pprogrammar li jmiss 2007-2013, il-Kummissjoni ssuġġeriet li ż-żieda fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u l-promozzjoni ta' transport urban nadif għandhom jikkostitwixxu għanijiet espliċiti għall-attività tal-Fond ta' Żvilupp Reġjonali Ewropew kemm fir-reġjuni ta' konverġenza u kemm fir-reġjuni li qegħdin iħaddmu programmi għall-kompetittività reġjonali.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ssuġġeriet li jinfetħ il-Fond ta' Koeżjoni fil-perjodu preżenti ta' pprogrammar li oriġinarjament kellu jintuża biss għat-trasport u għal proġetti ambjentali, anke għal oqsma oħra ta' importanza għall-iżvilupp sostenibbli u għall-benefiċċji ambjentali, fosthom l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u it-transport urban nadif u t-transport pubbliku nadif. Dawn it-tip ta' proġetti madankollu jeħtieġu li jkunu integrati b'mod sħiħ fil-kunċetti ta' żvilupp reġjonali u l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tipprovdi aktar gwida fuq dan l-aspett b'linji ta' gwida strateġiċi tal-Komunità għall-politika ta' koeżjoni 2007-2013 li se jorbtu l-politika ta' koeżjoni b'mod aktar effettiv mal-proċess ta' Liżbona. L-importanza u l-potenzjal tas-sinerġiji bejn il-politika ta' koeżjoni u l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija enfazzzjata aktar bil-fatt li parti kbira tar-riżorsi finanzjarji tal-politika ta' koeżjoni se tkun allokata għal reġjuni fl-għaxar Stati Membri ġodda fejn il-potenzjal għaż-żieda fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija huwa għoli.

1.2. Miżuri speċifiċi ta' politika ta' l-enerġija

1.2.1. Bini

L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment ta' l-Enerġija tal-Bini (2002/91/KE), mill-2006, se tippermetti qligħ stmat għal xi 40 Mtoe (Megaton ta' l-ekwivalenti taż-żejt) minn issa sa l-2020¹³. Il-Kummissjoni għandha għalhekk tissorvelja l-applikazzjoni rigoruża tad-Direttiva.

Se jkun ix-xogħol tal-Kummissjoni li tipprovdi lill-Istati Membri bl-għodod neċessarji għall-iżvilupp tal-qafas għal metodoloġija integrata ta' kalkulazzjoni tar-rendiment ta' l-enerġija tal-bini. Ġew żviluppati madwar 30 standard Ewropew (CEN). L-Istati Membri indikaw li huma, fuq bażi volontarja, se japplikaw dawn l-istandards. Jekk konformità volontarja ma dawn l-istandards ma tkunx se sseħħ fil-futur qrib, jew l-ekwivalenza ma tkunx ippruvata, għandhom imbagħad jiġu kkunsidrati standards mandatorji f'verzjoni futura emendata tad-Direttiva tal-Bini.

L-Artikolu 7 ta' din id-Direttiva jitlob iċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment ta' l-enerġija ta' bini li jkun ta' aktar minn 50m² meta dan ikun mibni, mibjugħ jew mikri. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu akkumpanjati minn rakkomandazzjonijiet favur it-titjib, li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, tar-rendiment ta' l-enerġija tal-bini. L-Istati Membri huma responsabbli għall-iffaċilitar ta' l-iffinanzjar neċessarju biex isir segwitu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

Waħda mill-alternattivi hija li tiġi proposta estensjoni tad-Direttiva sabiex jittejjeb ir-rendiment ta' l-enerġija tal-bini meta dan ikun qiegħed jiġi rrestawrat. Id-Direttiva preżenti tapplika biss għall-bini taħt restawr li jkun ta' aktar minn 1 000 m² Studju partikolari¹⁴ wasal għall-konklużjoni li l-potenzjal tekniku ta' din id-Direttiva jista' jkun enormi jekk ir-regoli tagħha jiġu applikati għar-restawr kollu. F'termini ekonomiċi, l-ikbar opportunità hija fl-

¹³ Ara l-memorandum ta' spjegazzjoni tad-direttiva.

¹⁴ Ecofys, DM 70067, "Cost effective retrofit in buildings", 2005.

akkoppjar tal-miżuri għat-titjib ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ma' dawk ta' l-immodifikar. Dan m'għandux biss jagħti benefiċċju tajjeb fil-konfront tal-flus li jintefqu, imma wkoll irid ikun jista' jgħaddem, u għad irid jiġi diskuss kif dan jista' jsir fil-prattika.

L-istudju ta' l-Ecofys, kif imsemmi fin-nota 14 fil-qiegħ tal-paġna, jistma li l-effetti netti fuq l-impjieg min-naħa tad-Direttiva eżistenti u ta' Direttiva ġdida possibbli dwar il-Bini huma importanti. Bi qligħ, li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, stmat b'mod konservattiv għal aktar minn 70 Mtoe, dan is-settur waħdu jista' joħloq mill-inqas 250 000 impjieg *full-time*. Il-benefiċċji fl-impjieg huma għall-personal bi kwalifiki għolja u għall-professjoni tal-bini b'mod ġenerali. L-impjieg jinħolqu l-aktar fil-livell lokali, f'postijiet fejn il-bidliet lill-bini għandhom iridu jsiru.

Madwar terz ta' l-enerġija użata minn bini jmur għad-dawl. L-iffrankar potenzjali jista' jitle' għal 50% jew saħansitra aktar, kif muri minn bosta proġetti mwettqa taħt il-qafas tal-'Programm Ewropew tad-Dawl Aħdar' ('*European GreenLight Programme*'). Biex jiġi rrealizzat dan il-potenzjal u biex tiġi sodisfatta d-domanda li qiegħda tiżdied, l-Ewropa tista' tkun ta' gwida billi tippromwovi l-użu u żvilupp ulterjuri ta' dawl aktar modern u intelligenti¹⁵.

Bozza ta' l-elettriku li tiffranka l-enerġija tuża ħames darbiet inqas kurrent minn waħda standard. Is-sostituzzjoni tal-bozoz tista' faċilment twassal biex ikun hemm iffrankar ta' €100 fis-sena għal familja medja.

1.2.2. *Strumenti domestiċi*

Mill-1992, Direttiva ta' qafas tippermetti lill-Istati Membri li jimponu, permezz ta' l-ittekkettjar, il-forniment ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ta' firxa sħiħa ta' strumenti elettriċi. Matul l-aħħar erba' snin, il-Kummissjoni stinkat biex ikun hemm żieda fin-numru ta' strumenti koperti. Il-Kummissjoni għandha tkompli f'din id-direzzjoni filwaqt li tinvolvi lill-industrija fid-definizzjoni ta' dawn l-attivitajiet marbuta ma' l-informazzjoni lill-konsumatur.

Dan huwa qasam fejn jista' jsir titjib kbir permezz ta' taħlita ta' miżuri li jittieħdu biex il-konsumatur jiġi infurmat dwar il-livelli minimi ta' effiċjenza u anke permezz ta' ftehimiet volontarji¹⁶. Madankollu, ġie propost trattament ġdid permezz tad-Direttiva dwar l-Eko-ippjanar adottata reċentement, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-eko-ippjanar applikabbli għal strumenti elettriċi tal-konsumatur. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew reċentement laħqu qbil fuq dan l-għan. Wieħed mill-għanijiet tad-Direttiva hija li tapplika l-kundizzjonijiet għall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija filwaqt li, fl-istess ħin, tevita konsegwenzi negattivi ta' aspetti oħra ta' l-ambjent jew stadji oħra fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' l-istrumenti.

Sakemm il-konsum ta' l-enerġija jkollu impatt sinifikanti fuq l-ambjent, li huwa spiss il-każ ta' l-istrumenti domestiċi, għandu issa jkun possibbli li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija għal firxa wiesgħa ta' strumenti u applikazzjonijiet. Pereżempju, il-karatteristika ta' l-*stand-by* għad-dawl, għat-tisħin, għat-tkessiħ u għall-magni

¹⁵ Aktar iffrankar jista' jinkiseb bl-introduzzjoni ta' dawl ibbażat fuq l-LED fi stat solidu (*diodes* li jitfegħu d-dawl) li għalihom stiġi ta' riduzzjonijiet fl-Ewropa sa l-2015 huma fl-ordni ta' 40GW ta' domanda l-aktar għolja jew ta' 2 biljuni bramel taż-żejt kull sena (ref: imsemmi f'*Photonics for the 21st Century*, VDI, 2005).

¹⁶ Ara Anness 2.

elettrici¹⁷. Miżuri speċjali jeħtieġ li jindirizzaw it-tħassib fuq il-funzjoni *stand-by*. Fil-fatt, din it-tip ta' ħela ta' enerġija qiegħda tiżdied il-ħin kollu, għaliex aktar u aktar strumenti joffru din il-karatteristika. Filwaqt li din kienet forma bikrija ta' amministrazzjoni ta' l-enerġija għal ċerti strumenti, tista' wkoll tirriżulta f'telf sinifikanti ta' enerġija. L-elettriku użat fl-għamla ta' *stand-by* jista' jilħaq bejn il-5% u l-10% tal-konsum totali ta' l-elettriku fis-settur residenzjali¹⁸. L-iżvilupp tekniku issa pproduċa *sleep modes* aktar effiċjenti minn daww użati bħalissa, u hemm bżonn qawwi li tiġi inkoraġġata l-implimentazzjoni rapida ta' din it-teknoloġija.

L-Istati Uniti u l-Ġappun diġà hađu inizzjattivi biex jilhqnu figura ta' konsum massimu ta' Watt 1 għal bosta tipi ta' strumenti. Fl-Ewropa, u wkoll fil-kuntest tad-Direttiva ta' l-eko-ippjanar, huwa mbassar li:

- jiġu inkoraġġati u promossi ftehimiet volontarji;
- jiġu introdotti, jekk ikun neċessarju, miżuri ta' implimentazzjoni biex inaqqsu t-telf minn *standby* għal ċerti gruppi ta' strumenti¹⁹;
- jiġi stimolat l-iżvilupp fil-livell internazzjonali ta' teknoloġiji u miżuri li jimmiraw li jillimitaw it-telf ta' l-elettriku fil-funzjoni *stand-by*.

1.2.3. Il-limitazzjoni tal-konsum ta' fjuwil tal-vetturi

Il-konsum fl-2005 ta' karożżi privati u muturi fl-UE huwa madwar 170 Mtoe li huwa qrib l-10% tal-konsum gross tagħna.

Il-konsum medju tjejb matul l-aħħar għaxar snin, imma dan it-titjib ġie kkompensat miż-żieda fin-numru ta' karożżi u fl-użu ta' karożżi, u issa hemm tendenzi favur karożżi itqal b'rendiment għoli li jistgħu jwasslu għal aktar deterjorament tas-sitwazzjoni ta' l-enerġija.

Sabiex jiġi llimitat dan il-konsum l-Unjoni s'issa implimentat ftehimiet volontarji ma' l-industrija tal-karożżi u implimentat ukoll it-tikkettjar tal-karożżi fir-rigward ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

Fil-qafas ta' CARS 21 għandhom jiġu żviluppati rakkomandazzjonijiet dwar kif l-aħjar wieħed jipproċedi. Fid-deċiżjoni ta' kif u jekk isirx proċediment dwar din l-alternattiva, jeħtieġ li jiġi definit kif l-aħjar li jistgħu jiġu ddeterminati il-kwalifiki ta' "nadif" u "effiċjenti", filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi promoss l-għan b'mod teknoloġikament newtrali u li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, sabiex kull inizzjattiva tippermetti lill-industrija li tiżviluppa t-teknoloġija xierqa biex tilħaq l-għan konċernat. Uħud mill-miżuri li għandhom jiġu diskussi huma kif ġej:

- Bil-Ftehim Volontarju ta' l-industrija tal-vetturi, l-għan ta' l-UE huwa li tilħaq figura medja ta' emissjoni CO₂ ta' 120 g/km għall-karożżi tal-passiġġieri ġodda kollha kkummerċjati fl-UE. Dan l-għan, adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill,

¹⁷ Id-Direttiva għandha l-potenzjal li tiġġenera benefiċċju ta' effiċjenza ta' mill-inqas 20 Mtoe, waqt li fl-istess ħin tagħmel l-industrija Ewropea iktar kompetittiva fuq skala globali.

¹⁸ Sorsi: IEA "*Things that go blip in the night*", IEA 2005 "*Saving electricity in a hurry*", istitut ta' Fraunhofer "*Study on options on a stand by label for Federal Ministry of Economics and Labour February 2005*".

¹⁹ Bħal "kodiċi ta' kondotta" għall-provvista ta' l-elettriku u *adaptors* diġitali għat-televiżjonijiet.

għandu jiġi milħuq bi ftehimiet li jorbtu lill-produtturi tal-karozzi Ewropej, Ġappuniżi u Koreani sabiex inaqqsu l-emissjonijiet CO₂ għal 140 g/km sa l-2008/2009, sabiex jieħdu passi li jimmiraw lejn is-suq biex jinfluenzaw l-għażla tal-konsumaturi lejn karozzi li jikkunsmaw inqas fjuwil, u fl-aħħarnett sabiex itejbu l-kwalità ta' informazzjoni lill-konsumatur dwar il-konsum tal-fjuwil.

Dan ifisser li l-grupp ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda impoġġija fis-suq fl-2008/2009 bħala medja se jikkunsmaw madwar 5.8 l petrol/100km jew 5.25 l diesel/100 km. Dan ifisser tnaqqis tal-konsum tal-fjuwil ta' madwar 25% meta mqabbel ma' l-1998.

Madankollu, it-tendenza favur daqs, piż u qawwa akbar tippreżenta r-riskju li l-mira mhux se tintlaħaq. Huwa meħtieġ li ssir riflessjoni dwar kif se jkun hemm ċaqliq minn 140 g/km fl-2008/2009 għal 120 g/km fl-2012. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni hija konxja ta' l-isfida kbira assoċjata ma' l-issodisfar tal-mira ta' 120 g/km. Li tintlaħaq il-mira ta' 120 g/km mhux se jkun possibbli mingħajr spejjeż imma din il-mira toffri aktar benefiċċji lill-konsumaturi u lis-soċjetà sħiħa. Pereżempju, il-konsumaturi se jibbenefikaw mill-iffrankar tal-fjuwil u dan il-benefiċċju se jiżdied malli jkun hemm prezzijiet tal-fjuwil aktar għoljin.

- Ittikettjar tal-karozzi: Is-sistema Ewropea ta' ttikkettjar tobbliga lill-Istati Membri li jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-konsum tal-fjuwil u dwar l-emissjonijiet CO₂ ta' karozzi privati ġodda tkun disponibbli għall-konsumaturi. Dan jippermetti lill-konsumaturi li jagħmlu għażla infurmata. L-obbligu jinvolti t-tpoġġija ta' tikketta b'din l-informazzjoni fuq jew viċin kull karozza ġdida li tkun offruta għall-bejgħ. Fuq il-bażi ta' rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni qiegħda bħalissa tistudja miżuri li jistgħu jiġu proposti biex itejbu l-effettività tagħha.

Għandu jiġi nnutat li għall-prodotti li jikkunsmaw l-enerġija għajr il-karozzi, minbarra l-ftehimiet volontarji u d-dispożizzjonijiet għat-tikkettjar, huma imposti wkoll kundizzjonijiet minimi ta' effiċjenza, imma biss fejn dan ikun ġustifikat mill-kundizzjonijiet tas-suq.

L-esperjenza ma' l-industrija Ewropea ta' strumenti domestiċi, li hija fuq quddiem nett fid-dinja b'riżultat ta' l-aħjar teknoloġija żviluppata skond standards minimi u programm ta' ttikkettjar serju, turi li fuq perjodu twil ta' żmien l-industrija tal-karozzi tagħna tista' wkoll attwalment tibbenefika, iktar milli ssufri, minn rekwiżiti ta' effiċjenza fis-suq lokali tagħhom.

1.2.4. L-infurmar u l-ħarsien tal-konsumatur

Din il-Green Paper identifikat in-nuqqasijiet fl-informazzjoni u t-taħriġ tal-konsumaturi u tal-pubbliku b'mod ġenerali. Ħafna mill-azzjonijiet biex jinstab rimedju għal din is-sitwazzjoni għandhom jittieħdu fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. L-UE tappoġġja dawn l-inizjattivi, pereżempju permezz tal-Programm ManagEnergy. ManagEnergy jagħti sostenn lill-entitajiet interessati fil-livell lokali u reġjonali li jaħdmu fil-qasam tas-sorsi ta' l-enerġija li jiġġeddu u fil-qasam tad-domanda għall-enerġija.

Kampanja ta' għarfien pubbliku wiesgħa dwar l-enerġija sostenibbli ġiet immedija reċentement min-naħa għal oħra ta' l-UE, fil-pajjiżi ta' l-AEE u fil-pajjiżi kandidati ta' l-UE: L-Ewropa ta' l-Enerġija Sostenibbli 2005-2008. Hija maħsuba sabiex iġġib bidla ġenwina fl-imġiba ta' l-entitajiet interessati prinċipali kkonċernati, sabiex dawn jimpenjaw ruħhom li jimxu lejn skemi ta' produzzjoni u konsum ta' l-enerġija li jkunu effiċjenti, nodfa u sostenibbli u li jkunu bbażati fuq sorsi ta' enerġija li jiġġeddu u fuq l-effiċjenza fl-użu ta' l-

enerġija, inkluż fit-trasport. Il-kampanja l-ġdida hija ffinanzjata taħt il-Programm Ewropa – Enerġija Intelliġenti, b’bâgħit ta’ € 3.6 miljuni.

Il-Kampanja tindirizza s-setturi ewlenin ta’ l-enerġija sostenibbli kollha li jikkontribwixxu għall-Istrateġija tal-Komunità dwar l-Iżvilupp Sostenibbli u għandha l-għan li tkabbar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità dwar l-enerġija sostenibbli, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali u lokali, billi tappoġġja lill-industrija, lill-aġenziji ta’ l-enerġija, lill-assoċjazzjonijiet u l-attivitajiet tal-konsumaturi²⁰.

L-infurmar tal-pubbliku huwa l-ewwel għan, l-infurmar u t-taħriġ ta’ dawk li jaħdmu fis-settur ta’ l-enerġija huwa t-tieni wieħed. Meta jiddisinjaw il-bini, il-periti jeħtieġ li jkollhom biżżejjed għarfien dwar l-aħħar teknoloġiji sabiex jagħmluha possibbli li jkun hemm iffrankar ta’ l-enerġija. L-istess jgħodd għall-installaturi ta’ sistemi ta’ tisħin li għandhom jagħtu parir lill-klijenti tagħhom. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinbdew fuq livell Ewropew, imma ovvjament iridu jittieħdu u jitwettqu minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali.

Barra minn hekk, taħt it-tieni Direttiva ta’ l-elettriku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jibbenefikaw mill-hekk imsejjaħ servizz universali, fi kliem ieħor li huma jkollhom id-dritt li jkunu forniti fit-territorju tagħhom b’elettriku ta’ ċertu kwalità, u bi prezzijiet raġonevoli, trasparenti, u faċilment kumparabbli Taħt kundizzjonijiet mhux diskriminatorji, il-konsumaturi għandhom ukoll ikunu jistgħu jbiddu l-fornitur tagħhom. Barra minn hekk, l-istess direttiva titlob li l-kumpaniji ta’ l-elettriku jinfurmaw lill-klijenti attwali u potenzjali tagħhom dwar it-taħlita ta’ l-enerġija fil-portfolio ta’ ġenerazzjoni tagħhom.

2. Il-livell nazzjonali

Il-livell nazzjonali huwa f’haġna modi iktar xieraq għat-tpoġġja fis-seħħ ta’ miżuri biex tiġi inkoraġġata l-effiċjenza fl-użu ta’ l-enerġija. L-azzjonijiet ta’ l-awtoritajiet nazzjonali se jsaħħu l-isforzi tal-Komunità li waħedhom ma jkunux daqshekk effettivi fuq perjodu twil ta’ żmien. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġu mħeġġa biex jużaw il-firxa kbira ta’ miżuri disponibbli għalihom, permezz ta’ regolaturi, kontroll aħjar tal-katina ta’ provvista ta’ l-elettriku, l-introduzzjoni ta’ mekkaniżmu ta’ ċertifikazzjoni u l-aħjar użu tat-trasport tat-triq. Għandu jiġi mfakkar li hemm eżempji eċċellenti ta’ prassi tajba li jinstabu f’kull Stat Membru u li jixraqilhom li jkunu mifruxa.

2.1. Ir-regolazzjoni ta’ l-attivitajiet tan-netwerk

It-trasport ta’ l-elettriku jnvolvi telf sa 10% mill-elettriku prodott (sa 2% fit-trasferiment, 8% fid-distribuzzjoni). F’haġna każi, jistgħu jittieħdu miżuri li jagħtu benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu sabiex jitnaqqsu b’mod sinifikanti dawn il-figuri. Madankollu, operaturi ta’ sistemi ta’ trasferiment jew distribuzzjoni jista’ ma jkollhomx dejjem l-inċentiv biex iwettqu l-investimenti neċessarji biex isir l-iffrankar. Minħabba li l-effiċjenzi jirriżultaw f’inqas telf, dan normalment se ifisser tnaqqis fil-miżati ta’ trasferiment, u f’sistema regolata

²⁰ Il-Kampanja se tappoġġja attivitajiet promozzjonali mill-interessati prinċipali, bħall-gvernijiet nazzjonali, reġjuni, muniċipalitajiet, aġenziji ta’ l-enerġija, kumpaniji tal-produzzjoni ta’ l-enerġija u wkoll tas-servizz ta’ l-enerġija, servizzi importanti, manifatturi industrijali, żviluppaturi tal-bini, l-industrija ta’ l-agrikoltura u tal-foresta, assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi, ta’ l-industrija u tal-biedja, istituzzjonijiet finanzjarji, assoċjazzjonijiet tal-kummerċ domestiċi u barranin, NGOs u istituzzjonijiet ta’ kooperazzjoni għall-iżvilupp. Inizjattivi oħra ta’ dan it-tip għandhom jiġu mnedija fil-futur.

ta' aċċess ta' terzi persuni, dan se jfisser telf ta' flus għall-kumpanija li tagħmel l-investiment. Għalhekk, jekk ma tkunx ipprovduta sistema ta' regolazzjoni bbażata fuq l-inċentivi f'dan ir-rigward – jiġifieri li l-operaturi ta' sistemi ta' trasferiment u distribuzzjoni jkunu kapaċi jżommu proporzjon xieraq tal-benefiċċji netti ta' effiċjenza li jirriżultaw mit-titjib – l-investimenti neċessarji mhux probabbli li jsiru.

L-operaturi tan-network tat-trasport jistgħu jinkludu l-prassi tagħhom għall-amministrazzjoni tat-telf (miżuri ta' trasparenza ta' l-informazzjoni u kundizzjonijiet ta' kkompensar tax-xiri ta' l-enerġija) fil-programm tar-rabta tagħhom imfassal skond id-Direttiva 2003/54/KE. Il-grupp Ewropew tar-Regolaturi għall-gass u elettriku jista' jiġi mistieden li jipproponi linji ta' gwida dwar prassi regolatorja tajba għar-regolazzjoni tat-tariffi tat-trasferiment u d-distribuzzjoni u għall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Dawn il-linji ta' gwida jistgħu jibdeu mill-prinċipju li l-operaturi ta' sistemi ta' trasferiment u distribuzzjoni għandhom jitpoġġew taħt obbligu pożittiv li jwettqu l-investimenti kollha li jagħtu iżjed benefiċċji milli spejjeż (jiġifieri, li se jirriżultaw fi tnaqqis nett tat-tariffi), u jingħataw il-permess li jżommu proporzjon ġust tal-benefiċċji netti li jirriżultaw. Barra minn hekk il-Grupp ta' Regolaturi tan-Network u l-interessati l-oħra kkonċernati jkunu jistgħu jaħsbu dwar il-possibbiltà ta' sistema ta' ċertifikati ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

2.2. Ir-regolazzjoni ta' l-attivitajiet ta' forniment

F'Diċembru 2003, il-Kummissjoni pproponiet Direttiva dwar l-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u fis-servizzi ta' l-enerġija. Din id-Direttiva se tobbliga lid-distributori u lill-fornituri ta' l-enerġija li joffru lill-konsumaturi mhux biss prodotti ta' l-elettriku, tal-gass jew taż-żejt, imma li jiddiversifikaw billi wkoll joffru lill-konsumaturi l-opportunità li jagħżlu servizzi ta' l-enerġija. Dawn ikunu jinkludu pakkett integrat, bħall-kumdità termali u tad-dawl, u produzzjoni ta' l-ilma sħun fil-bini, trasport, u oħrajn bħal dawn. Il-kompetizzjoni fil-prezz bejn il-fornituri tas-servizzi ta' l-enerġija se twassal għal tnaqqis fil-kwantità ta' l-enerġija kkunsmata minn dawn is-servizzi, billi l-ispiża ta' l-enerġija tkun normalment parti kbira (kultant l-iktar waħda importanti) ta' l-ispiża totali tas-servizz. L-offerta ta' dan it-tip ta' servizz integrat tippermetti lill-forzi tas-suq li jkollhom rwol importanti fit-titjib ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-punt tal-provvista tas-servizzi ta' l-enerġija.

L-istruttura preżenti tal-prezzijiet għall-prodotti ta' l-enerġija tista' tiġi eżaminata mill-ġdid, minħabba li din ma tinkoraġġix lill-konsumaturi favur użu aktar razzjonali. Il-promozzjoni ta' konsum aktar baxx f'ħinijiet ta' l-oġġla użu u fi żminijiet ta' skarsezza tista' tkun ukoll kwistjoni li tiġi analizzata. Dan ikun jimplika li r-regolaturi fil-livell nazzjonali jippromwovu l-kejl tal-konsum biex jippermettu lill-utenti li jkunu infurmati bil-konsum tagħhom fi żmien reali.

2.3. Il-ġenerazzjoni ta' l-elettriku

Bil-livelli ta' "ħela" ta' l-enerġija fil-proċess ta' ġenerazzjoni ta' l-elettriku li jilhq s-66%, dan is-settur għandu potenzjal kbir. Bl-użu ta' teknoloġija standard, bejn 25 u 60% biss mill-fjuwil użat jiġi kkonvertit f'qawwa elettrika. Turbini tal-gass taċ-ċiklu magħqud ('CCGT') huma fost l-impjanti l-aktar effiċjenti disponibbli bħalissa meta mqabbla ma' daww antiki tal-fjuwil solidu termali, li uħud minnhom kienu kkummissjonati fil-ħamsinijiet.

Il-liberalizzazzjoni u standards stretti ta' emissjoni ġabu benefiċċji sinifikanti f'termini ta' effiċjenza fl-użu tal-fjuwil għall-ġenerazzjoni Ewropea ta' l-elettriku. Ħafna impjanti qodma, ineffiċjenti u żejda tneħħew mis-suq u f'ħafna mill-każijiet hija t-teknoloġija CCGT li hi l-

aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil (l-effiċjenza tilħaq bejn il-50 u s-60%) li hija ppreferuta minflokhom.

Bi żvilupp imbassar ta' 1.5% kull sena, Eurelectric – l-assoċjazzjoni Ewropea li tirrapreżenta l-industrija ta' l-elettriku – tipprevedi li madwar 520 GW ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida għandha tiġi installata sa l-2030 fil-15-il pajjiż ta' l-UE. Dan ifisser spejjeż kbar ta' investiment li jlaħħqu l-biljuni ta' Euro.

Għalhekk, l-UE hija ppreżentata b'opportunità unika biex ittejjeb radikalment l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil tul il-kapaċità tagħha ta' ġenerazzjoni ta' l-elettriku. Is-sistema Ewropea ta' kummerċ ta' l-emissjonijiet hija mezz effettiv biex thegġegħ lill-produtturi ta' l-elettriku li jnaqqsu l-emissjonijiet u jtejbu l-effiċjenza bl-iktar mod li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu. Il-Kummissjoni qiegħda tippjana reviżjoni tas-sistema f'nofs l-2006. Permezz tat-twaqqif tal-Pjan Nazzjonali ta' Allokazzjoni u l-ħolqien ta' skarsezza ġenerali fis-suq, l-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw l-ETS ta' l-UE bħala strument biex jinċentiva produzzjoni ta' l-elettriku aktar effiċjenti.

Xi kwistjonijiet importanti se jkunu jeħtieġu kunsiderazzjoni attenta fil-kuntest ta' l-iżviluppar tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-Effiċjenza fl-użu ta' l-Enerġija għall-2006:

- **biex jiġi żgurat li biss it-teknoloġija (CCGT) l-aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil għall-produzzjoni ta' l-elettriku qiegħda tiġi użata fl-Ewropa.** L-aktar teknoloġija effiċjenti disponibbli bħalissa għandha ammont ta' produzzjoni qrib is-60%, u hija l-aktar manifatturata minn kumpaniji Ewropej. Madankollu, kompetituri minn partijiet oħra tad-dinja issa joffru wkoll it-teknoloġija CCGT, bi spejjeż aktar baxxi ta' l-investiment bil-quddiem imma b'effiċjenza fl-użu tal-fjuwil ferm aktar baxxa ta' madwar 40%. Jeħtieġ li tkun meqjusa liema azzjoni tista' tittieħed biex jiġi żgurat li l-ġenerazzjoni tagħna fl-UE tkun effiċjenti ħafna fl-użu ta' l-enerġija.
- **promozzjoni ta' ġenerazzjoni distribwita.** L-ikbar ħela fil-katina ta' provvista ta' l-elettriku (ġenerazzjoni – trasferiment, distribuzzjoni – provvista) hija s-sħana mhux użata li taħrab f'forma ta' fwar, l-iktar billi ssaħħan l-ilma meħtieġ biex ikessaħ fil-proċess ta' ġenerazzjoni. Il-katina ta' provvista għadha kkaratterizzata bil-kbir mill-ġenerazzjoni ċentrali ta' l-elettriku f'impjanti ta' l-elettriku kbar, segwita mit-trasport, li jġib miegħu ħafna spejjeż, ta' l-elettriku lill-konsumaturi finali permezz ta' kejbils. Dan it-trasport jiġġenera aktar telf, prinċipalment fid-distribuzzjoni. Għalhekk il-ġenerazzjoni ċentralizzata għandha l-vantaġġi fil-forma ta' ekonomija fuq skala kbira, imma wkoll taħli l-enerġija.

Il-ħtiġijiet preżenti ta' investiment fil-ġenerazzjoni ta' l-elettriku jistgħu jintużaw għall-vantaġġ ta' l-Ewropa li kieku din kellha tuża l-opportunità li fil-qasam tal-ġenerazzjoni ta' l-elettriku tiffaċilita l-bidla mill-impjanti l-kbar ta' l-elettriku favur ġenerazzjoni distribwita u fuq is-sit li tkun aktar nadifa u aktar effiċjenti. Il-ġenerazzjoni distribwita hija normalment eqreb ta' l-iżbokki utli saħansitra għas-sħana li tintilef fil-ġenerazzjoni konvenzjonali, u b'hekk iżżid l-opportunitajiet ta' rkupru tas-sħana, li jtejjeb b'mod drammatiku l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil. Din il-bidla se tkun proċess gradwali li jista' jiġi ffaċilitat fil-livell nazzjonali billi jintużaw l-inċentivi adattati għall-industrija.

It-tieni Direttiva ta' l-elettriku, 2003/54/KE, diġà fiha inċentiv għall-Istati Membri u għall-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex dawn jippromwovu ġenerazzjoni

distribwita billi jqisu l-benefiċċji tagħha għan-networks tat-trasferiment u tad-distribuzzjoni fl-għamla ta' spejjeż ta' l-investimenti li fuq perjodu twil ta' żmien jiġu evitati. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma obbligati li jiżguraw li l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal dan it-tip ta' ġenerazzjoni jqisu n-natura żgħira tagħha u għalhekk l-impatt potenzjali limitat. L-organizzazzjoni u t-tnaqqis tal-piż regulatorju tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-ġenerazzjoni distribwita huma għalhekk meħtieġa: l-awtoritajiet nazzjonali, r-regolaturi u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jeħtieġu li jagħmlu mod li dan iseħħ. Il-Kummissjoni se tara li l-miżuri msemmija fid-Direttiva jkunu infurzati. F'kull każ, biex ikunu konformi mar-regoli tal-Komunità dwar il-libertà ta' l-istabbiliment u dwar il-forniment tas-servizzi, il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għall-produzzjoni ta' l-enerġija għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, mgħarrfa minn qabel lill-intrapriżi kkonċernati, sabiex jiġi żgurat li l-poter diskrezzjonali ta' l-awtoritajiet nazzjonali ma jintużax b'mod arbitrarju. In-natura u l-ambitu ta' l-obbligi tas-servizz pubbliku li għandhom jiġu imposti minn sistema ta' awtorizzazzjonijiet amministrattivi għandhom ikunu ċari minn qabel għal dawn it-tip ta' intrapriżi. F'każijiet fejn in-numru ta' permessi disponibbli għal attività partikolari jkun suġġett għal xi limitu, il-validità tal-permess m'għandhiex taqbeż iż-żmien neċessarju biex jitħassar l-investment u biex tippermetti hłas lura ġust fuq il-kapital. Barra minn hekk, kull persuna affettwata minn miżura restrittiva bbażata fuq din it-tip ta' deroga għandu jkollha l-opportunità li tappella.

- **Il-ġenerazzjoni konġunta** toffri wkoll benefiċċju potenzjali sostanzjali fl-effiċjenza. Sal-lum, madwar 13% biss ta' l-elettriku kkunsmat fl-UE huwa ġġenerat bl-użu ta' din it-teknoloġija. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw id-Direttiva billi jippromwovu l-użu ta' ġenerazzjoni konġunta ta' effiċjenza għolja sa Frar 2006. Huma għandhom jiżguraw li jsir l-aħjar użu possibbli minn din it-teknoloġija. Barra minn hekk, huma jistgħu jstimulaw aktar progress fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' ġenerazzjoni konġunta mhux biss fir-rigward ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u flessibilità tal-fjuwil imma wkoll bl-għan li jitnaqqsu l-ispejjeż ta' kostruzzjoni. L-Istati Membri jistgħu bl-istess mod jesploraw u jiżviluppaw aktar it-teknoloġiji ta' ġenerazzjoni konġunta li jistgħu jżidu l-użu ta' sorsi li jiġġeddu.
- Il-maġġoranza ta' l-Istati Membri tal-25 pajjiż ta' l-UE għandhom sistemi distrettwali ta' tisħin, u b'mod speċjali f'dawk il-pajjiżi l-ġodda fl-Ewropa Ċentrali li għandhom ekonomiji ta' transizzjoni, dan huwa mezz komuni ħafna li tiġi pprovduta s-sħana, speċjalment lill-familji. Tisħin distrettwali, jekk ikun amministrat tajjeb, jista' jkun favur l-ambjent. Huwa stmat li anke dawk il-faċilitajiet ta' tisħin distrettwali u ta' ġenerazzjoni konġunta, inklużi l-applikazzjonijiet industrijali, li jeżistu diġà, jistgħu jiffrankaw 3-4% fl-użu primarju ta' l-enerġija meta mqabbel mal-produzzjoni separata.

Madankollu l-problema prinċipali li għandha tiġi solvuta hija dik dwar kif se jiġi ffinanzjat it-titjib ta' sistemi qodma. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet finanzjarji bħall-Bank Ewropew ta' l-Investment jeħtieġu li jkunu mmobilizzati aktar biex jippermettu l-iffinanzjar għal miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fit-tisħin distrettwali. Finalment, jeħtieġ li jiġi ddeterminat kif se jingħata sostenn lit-**Titjib fl-ammont tal-produzzjoni ta' l-enerġija ta' impjanti mħaddma bil-faħam għal aktar minn 50% malajr kemm jista' jkun**. Ir-riċerka appoġġjata mill-Komunità aktarx li se jkollha rwol importanti.

2.4. *Ċertifikati bojod, strument ibbażat fuq is-suq*

Politika bbażata fuq l-inċentivi għandha l-iżvantaġġ li mhux dejjem tistimola b'mod qawwi l-forzi tas-suq lejn is-soluzzjoni li tagħti l-aktar benefiċċju fil-konfront tal-flus li jintefqu. Sistemi ta' ċertifikati bojod ġew parzjalment implimentati fl-Italja u fir-Renju Unit, qed jitħejjew fi Franza, u qegħdin jiġu kkunsidrati fl-Olanda. Dawn huma sistemi fejn il-fornituri jew id-distributuri jkunu obbligati li jimpenjaw ruħhom għal miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija għall-utenti finali. Iċ-ċertifikati jikkonfermaw l-ammont iffrankat, u jipprovdu kemm il-valur ta' l-enerġija u t-tul tal-ħajja. Dawn it-tip ta' ċertifikati jistgħu, bħala prinċipju, jkunu skambjati u kkummerċjati. Jekk il-partijiet kontraenti ma jkunux imbagħad jistgħu jissottomettu s-sehem taċ-ċertifikati allokat lilhom, jistgħu jkunu mitluba li jħallsu multi li jistgħu jaqbuż l-valur stmat tas-suq.

Xogħol ta' mmudellar imwettaq taħt il-proġett SAVE "Abjad u Aħdar" ikkonkluda li bl-introduzzjoni ta' din is-sistema fis-settur terzjarju u f'dak tas-servizzi, l-iffrankar ta' 15% jista' jinkiseb mingħajr spejjeż, u li meta jitqiesu l-esternalitajiet bħall-konsegwenzi fuq l-ambjent dan il-potenzjal ta' ffrankar jitle' sa 35%. Il-Kummissjoni qiegħda bħalissa tipprepara għall-ħolqien possibbli ta' skema ta' ċertifikati bojod li tkun mifruxa ma' l-UE, sabiex tippermetti kummerċ reali fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija bejn l-Istati Membri. Għal dan l-iskop hija mistennija li tiġi żviluppata sistema ta' kejl taħt il-proposta preżenti tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-użu finali ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija.

3. **L-industrija**

L-industrija diġà mxiet fid-direzzjoni ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Barra minn hekk, miġbuda minn inċentivi ekonomiċi huwa mistenni li l-industrija tagħmel titjib addizzjonali sinifikanti fil-proċessi tagħha u fil-magni li tuża (magni elettriċi, kumpressuri, eċċ.). Il-leġislazzjoni Ewropea u nazzjonali tagħmel impatt fuq il-konsum ta' l-enerġija ta' l-industrija, u f'dak ir-rigward l-industrija nnifisha għandha tiegħu l-miżuri neċessarji biex tissodisfa l-limitu fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet li jsaħħnu l-atmosfera (*greenhouse gas emissions*) impost mill-Pjanijiet Nazzjonali ta' Allokazżjoni kif previst fid-Direttiva tal-Kummerċ ta' l-Emissjonijiet. Huwa f'dan ir-rigward li l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija għodda neċessarja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda bħalissa tfejji BREF²¹ ġenerali dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-kuntest tad-Direttiva ta' l-IPPC²² li se jipprovdi informazzjoni li tista' tintuża għall-iżvilupp ta' l-aħjar prassi għal sistemi ta' l-enerġija li huma użati f'numru kbir ta' proċessi industrijali (sistemi ta' magni, sistemi ta' pompi, trattamenti ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija eċċ.).

Diġà saru numru kbir ta' ftehimiet volontarji fis-setturi industrijali (pereżempju fl-industrija tal-karti, fis-settur ta' l-ortikultura u fl-industrija tal-kimika). Dawn it-tip ta' ftehimiet volontarji li jsiru mill-industrija jsaħħu l-miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Fost dawn l-eżempji, wieħed jista' jikkwota:

- Renju Unit: L-"Impenn fl-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija" (2002-2005) jobbliga lill-fornituri ta' l-elettriku u tal-gass li jilħqu ċerti miri għall-installar ta' miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fid-djar. Dan il-programm wera li hu ferm ta' effettiv, fil-konfront tal-flus li jintefqu, fit-tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija u ġie estiż mill-2005 sa l-2008.

²¹ BAT (L-aħjar teknoloġija disponibbli) Dokumenti ta' referenza.

²² Direttiva 96/61/KE li tikkonċerna l-integrazzjoni tal-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis.

- L-Olanda: b'riżultat tat-tradizzjoni ta' ftehimiet volontarji ma' l-industrija, l-Olanda saret waħda mill-iktar ekonomiji li trendi fid-dinja f'termini ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. F'Lulju 1999 il-gvern Olandiż iffirmaw Ftehim ta' Referenza dwar l-Effiċjenza fl-użu ta' l-Enerġija ma' l-industrija²³. Bi tpattija għall-impenn magħmul mill-industrija li din tilħaq il-quċċata assoluta ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija sa l-2012, il-gvern ftehem li jżomm lura milli jimponi miżuri nazzjonali addizzjonali fuq l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. L-ewwel reviżjoni tal-miżuri meħuda u ppjanati minn dawn il-kumpaniji indikat li huma se jiffrankaw 82 000 TJ fit-2012 (2 Mtoe), u b'hekk jevitaw emissjonijiet ta' madwar 5.7 miljun tunnellata ta' CO₂.

Barra minn hekk, żewġ programmi ambjentali volontarji, l-iskema tal-Komunità ta' l-għotja ta' l-eko-tikketta²⁴ u l-iskema tal-Komunità ta' l-eko-amministrazzjoni u ta' awditjar (EMAS)²⁵ jistgħu wkoll jikkontribwixxu għal effiċjenza mtejbja fl-użu ta' l-enerġija. L-eko-tikketta tista' tingħata lill-prodotti tal-konsumatur bil-kundizzjoni li huma jikkonformaw ma' sett ta' kriterji ta' effiċjenza ambjentali, li jqisu ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-prodott. Il-kundizzjonijiet ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija jagħmlu parti minn dawn il-kriterji, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' gruppi ta' prodotti bħalma huma l-akkomodazzjoni tat-turisti u l-postijiet tal-kampeġġ.

Taħt l-EMAS, l-organizzazzjonijiet għandhom jimpenjaw ruħhom fit-titjib kontinwu tal-effiċjenza ambjentali tagħhom. Hawnhekk ukoll, l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tagħmel parti minn dan it-titjib u għandha tiġi ndirizzata fir-reviżjoni ambjentali u fid-dikjarazzjonijiet ambjentali li għandhom jiġu mwettqa taħt l-iskema.

4. Trasport

4.1. L-organizzazzjoni ta' l-amministrazzjoni tat-traffiku ta' l-ajru

Pjan ambizzjuż biex jiġi organizzat mill-ġdid l-ispazju ta' l-ajru Ewropew kien inniedi taħt l-inizjattiva 'Sema Waħda'. B'mod partikolari, huwa jipprovdi għall-iżvilupp ta' sistema waħda mifruxa ma' l-Ewropa għall-kontroll tat-traffiku ta' l-ajru. Dan il-proġett, li se joħloq inizjattiva industrijali kbira li se tkun magħrufa bħala 'SESAME', se jwassal għal iffrankar sostanzjali (madwar 6 sa 12%) ta' fjuwil tal-kerosin għall-avjazzjoni, sempliċement billi jnaqqas il-konġestjoni ta' l-ajru madwar l-ajruporti ta' l-Ewropa.

4.2. L-aħjar użu ta' l-amministrazzjoni tat-traffiku

Qegħdin jiġu żviluppanti sistemi tat-trasport intelliġenti bħalma huma sistemi tan-navigazzjoni, iċċarġjar fuq il-konġestjoni u assistenza kooperattiva tax-xufier. Dawn is-sistemi jistgħu jżidu s-sigurtà u l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u l-imġiba fis-sewqan. B'mod partikolari, l-użu tas-sistema ta' navigazzjoni satellitari, wara l-programm "GALILEO" sa l-2008, se tagħti bidu għal ġenerazzjoni ġdida ta' applikazzjonijiet u servizzi f'oqsma varji. L-utent per eċċellenza ta' din is-sistema ta' navigazzjoni bir-radju li taħdem bis-satellita se jkun it-trasport. Is-sistema ta' navigazzjoni satellitari se toffri sistemi ta' ppożizzjonar affidabbli u preċiżi għall-karozzi u se tippermetti li jiġu żviluppanti sistemi ta' informazzjoni għal daww li jużaw it-toroq kif ukoll assistenza għax-xufiera. Fl-avjazzjoni se tkun ta' għajjnuna fi stadji differenti tat-titjira. Fil-qasam marittimu se tintuża fl-ibħra miftuħa kif ukoll għan-

²³ Kumpaniji li jirrapreżentaw madwar 90% tad-domanda industrijali għall-enerġija ffirmaw il-ftehim.

²⁴ Regolament (KE) Nru. 1980/2000.

²⁵ Regolament (KE) Nru. 761/2001.

navigazzjoni kostali. L-iżvilupp tas-sistema ta' navigazzjoni satellitari għalhekk se tgħin ukoll l-iżvilupp ta' transport sostenibbli, permezz ta' użu aħjar tal-fluss ta' traffiku fit-trasport tat-triq, fl-avjazzjoni, fit-trasport marittimu u ferrovjarju. Billi timbotta lura l-limiti ta' saturazzjoni ta' l-infrastruttura, se tnaqqas l-ispejjeż eżorbitanti tal-konġestjoni u se tgħin biex jitnaqqas il-konsum ta' enerġija u biex jissaħħaħ l-ħarsien aħjar ta' l-ambjent.

Il-promozzjoni ta' intermodalità hija miżura oħra li se tikkontribwixxi għal iffrankar sostanzjali ta' enerġija. Alternattivi għat-trasport tat-toroq diġà ġew inkoraġġati b'numru ta' miżuri, b'mod partikolari permezz tal-ħolqien tal-programm tal-Komunità – MARCO POLO – maħsub sabiex jistimula soluzzjonijiet alternattivi: navigazzjoni bil-ferrovija, navigazzjoni interna tal-pajjiż u navigazzjoni marittima għal distanzi qosra. F'Lulju ta' l-2004, il-Kummissjoni pproponiet bāġit ta' € 740 miljuni għal dan il-programm taħt il-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013. Numru ta' proġetti industrijali diġà bbenefikaw minn dan il-programm: il-proġett 'Kombiverkehr' li serva biex jintroduċi servizz multimodali ta' ferrovija li ġgħorr in-nies regolarment bejn l-Italja u s-Svezja, 'Lokomotiv', li kkollega l-Ġermanja u l-Italja b'servizzi intermodali ta' ferrovija mħaddma minn kumpaniji privati tal-ferrovija, 'Oy Langh Ship', li introduċa servizz intermodali li jgħaqqad it-trasport marittimu, ferrovjarju u tax-xmara bejn il-Finlandja u l-Ewropa Ċentrali, eċċ.

4.3. L-iżvilupp ta' suq għal vetturi nodfa

Programmi ta' riċerka tal-Komunità investew bāġits kbar fl-iżvilupp ta' vetturi elettriċi, fl-ittestjar ta' dawk li jaħdmu bi fjuwils alternattivi bħall-gass naturali, kif ukoll fit-tressiq ta' prospetti fuq perjodu twil ta' żmien għal teknoloġiji bħalma huma ċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu. Is-seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp se jkompli dan it-tip ta' sostenn.

Alternattivi possibbli li qegħdin jiġu diskussi, fost l-oħrajn, fil-kuntest ta' CARS 21 huma

- it-tneħħija ta' taxxi minn fuq vetturi nodfa;
- kif imsemmi aktar 'l fuq, li jsir obbligu fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi sabiex dawn jonfqu parti mill-bāġit tagħhom maħsub għax-xiri ta' vetturi fuq vetturi nodfa;
- li l-bliet jintroduċu aċċess ristrett għal żoni ċentrali fir-rigward ta' vetturi li jniġġsu u li jkollhom konsum għoli ta' fjuwil, jew permezz ta' ħlas ta' flus jew bi projbizzjoni attwali;
- ċertifikazzjoni speċifika u standards tekniċi għal vetturi nodfa.

Dawn it-tip ta' miżuri jistgħu jkunu aktar effiċjenti minn għajnuna diretta lill-industrija u jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp teknoloġiku fl-industrija Ewropea. Dan mhuwiex benefiċċju żgħir f'ekonomija li qiegħda ssir iktar globalizzata.

4.4. L-iċċarġjar fuq l-infrastruttura sabiex jitrawwem tibdil fl-imgħiba

Nofs il-fjuwil kollu tat-trasport tat-triq jinħaraq f'żoni mibnija, minkejja l-fatt li nofs il-vjaġġi kollha f'dawn it-tip ta' żoni bħala tul ikunu inqas minn ħames kilometri.

L-Unjoni diġà daħlet għal politika ta' pprezzar tat-toroq għal vetturi tqal tat-tagħbija fuq in-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Toroq. Tekniċi satellitari tal-ġejjieni li għandhom x'jaqsmu ma' l-illokalizzar, ibbażati fuq is-sistema ta' navigazzjoni satellitari skond il-programm

“GALILEO”, se jagħmluha aktar faċli li jsiru sistemi ta’ ċċarġjar tat-toroq mingħajr ma jikkawżaw kju twil fid-daħliet għaż-żoni ta’ l-iċċarġjar.

Id-Direttiva tal-Komunità dwar il-kwalità ta’ l-arja tobbliga lill-iktar u l-ikbar konurbazzjonijiet mniġġsa biex ifasslu pjanijiet biex jiġi miġġieled it-tniġġis ta’ l-arja. F’haġna mill-każijiet dan kien ifisser jew restrizzjoni radikali tat-transport li jniġġes miċ-ċentri ta’ l-ibliet, jew inkella ħlasijiet li jkunu differenzjati biżżejjed biex iqisu l-livelli ta’ emissjoni u konsum ta’ vetturi individwali. Fil-perjodu ta’ konsultazzjoni wara l-adozzjoni ta’ din il-Green Paper, il-kwistjoni tal-ħtieġa u l-effettività ta’ dawn it-tip ta’ skemi jeħtieġ li tiġi meqjusa.

L-esperjenza ta’ Londra mill-introduzzjoni ta’ ‘ċċarġjar fuq il-konġestjoni’ fl-2003 kienet li l-konsum tal-fjuwil niżel b’20% u l-emissjonijiet CO₂ b’19% fiż-żona ta’ l-iċċarġjar. Min-naħa tagħha, il-belt ta’ Madrid installat sistema għat-transitu rapidu għal xarabankijiet u karożżi b’minimu ta’ żewġ passiġġieri fuq sezzjoni ta’ 20km ta’ l-awtostrada A6 li twassal għall-belt. Permezz tal-Programm ta’ l-Enerġija Intelliġenti, il-Kummissjoni qiegħda tagħmel sforz biex tippromwovi din l-aħjar prassi fuq skala akbar.

Madankollu, għandu jiġi nnutat li l-iskambju ta’ l-aħjar prassi huwa pjuttost limitat. Wieħed jista’ jistaqsi jekk u kif dawn it-tip ta’ eżempji tajba jistgħu jkunu ġġeneralizzati u estiżi f’kull parti ta’ l-UE.

4.5. Tajers

Il-frizzjoni bejn it-tajers u t-triq tammonta għal 20% tal-konsum ta’ vettura. Tajers li jaħdmu tajjeb jistgħu jnaqqsu dan il-konsum b’5% u l-bejgħ ta’ dan it-tip ta’ tajers għandu jiġi inkoraġġut mhux biss fuq karożżi ġodda imma wkoll għal tibdil sussegwenti.

Iċċekkjar aħjar tal-pressjoni (tat-tajers) jirriżulta wkoll f’konsum aktar baxx. L-istimi jissuġġerixxu li bejn 45% u 70% tal-vetturi huma misjuqa b’mill-inqas tajer wieħed li jkun taħt il-pressjoni preskritta. Dan jikkawża 4% ta’ konsum aktar, biex ma jissemmiex ir-riskju akbar ta’ inċidenti. Għalhekk, għaliex ma jsirx ħsieb dwar l-iżvilupp ta’ sistemi li jinkoraġġixxu stazzjonijiet ta’ servizz sabiex dawn jinfurmaw u jassistu aħjar lis-sewwieqa f’dak li għandu x’jaqsa ma’ l-iċċekkjar tat-tajers? Għażla oħra tkun li jiġi kkunsidrat ftehim volontarju ma’ l-industrija biex jiġi installati sensuri tal-pressjoni tat-tajer fuq id-daxxbord tal-karożżi.

Flimkien mal-benefiċċji sostanzjali li jistgħu jinkisbu bl-użu ta’ tajers tajbin bil-pressjoni tajba, sewwieq medju jista’ faċilment jiffranka 100€ mill-kont annwali tal-fjuwil billi jsuq b’mod iktar ekoloġiku²⁶.

4.6. Avjazzjoni

Il-Kummissjoni tippjana li f’qasir żmien tippreżenta Komunikazzjoni dwar il-bidla tal-klima u l-avjazzjoni. Il-Komunikazzjoni se tiffoka b’mod partikulari fuq l-użu ta’ strumenti ekonomiċi (bħat-tassazzjoni tal-fjuwil, ħlasijiet fuq l-emissjonijiet jew kummerċ ta’ l-emissjonijiet) li għandhom jippromwovu l-effiċjenza fl-użu ta’ l-enerġija u t-tnaqqis tal-gass li jsaħħan l-atmosfera (*greenhouse gas*) fis-settur.

²⁶ IEA “*Saving oil in a hurry*”, 2005.

5. Livell reġjonali u lokali

Ħafna miżuri jistgħu jittieħdu fuq livell reġjonali u lokali, qrib iċ-ċittadin. Azzjoni fuq l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija se tipproduċi l-benefiċċji potenzjali kollha tagħha biss jekk l-operazzjonijiet li għandhom jitwettqu fil-livelli tal-Komunità u fil-livell nazzjonali jkunu riflessi lokalment. L-UE diġà haċet numru ta' inizjattivi f'dan il-qasam. Eżempju ta' dan huwa l-programm CIVITAS, imniedi fis-sena 2000, li għen 36 belt Ewropea bi proġetti ta' mobilità urbana. Ġew ukoll stabbiliti programmi ta' sostenn biex jinkoraġġixxu investiment pubbliku u privat fl-użu razzjonali ta' l-enerġija (azzjonijiet ta' esperiment, ħolqien ta' networks ta' aġenziji lokali, eċċ.). Fil-fatt l-Unjoni reċentement adottat programm ġdid imsejjaħ 'Ewropa-Enerġija Intelliġenti' li jiġbor dawn l-azzjonijiet kollha taħt saqaf wieħed u b'hekk isahha is-sinerġiji ta' bejniethom.

Barra minn hekk, l-attivitajiet speċifiċi għall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija li huma integrati fil-programmi ta' żvilupp operattiv għall-politika ta' koeżjoni ta' l-UE, b'mod partikolari f'dawk ir-reġjuni li qegħdin jibqgħu lura fl-iżvilupp, iġiegħlu r-reġjuni jiddisponu minn strumenti qawwija li jistgħu jintużaw għal firxa wiesgħa ta' proġetti differenti. Sostenn għal żieda fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija min-naħa tal-bini pubbliku, investimenti fi transport urban nadif, sostenn lill-SME fit-titjib ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tagħhom flimkien ma' riċerka u żvilupp relatati, huma lkoll alternattivi li għandhom jissemmew. Meta dan il-potenzjal għal effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija jkun immobilizzat, wieħed għandu madankollu jirrispetta d-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' l-ipprogrammar, is-sħubija u l-amministrazzjoni tal-politika ta' koeżjoni.

Kif diġà msemmi, għandu wkoll jiġi diskuss dwar kif għandhom jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi, li qegħdin jikbru, kkawżati mill-konġestjoni taċ-ċentru ta' l-ibliet. B'mod ġenerali, dak kollu relatat mat-trasport ta' l-ibliet huwa suġġett ta' l-awtoritajiet lokali u nazzjonali, l-UE għandha tikkontribwixxi biex jinstabu soluzzjonijiet għad-deterjorazzjoni tal-kwalità tal-ħajja li tikkawża din il-problema, u li timxi id f'id mal-ħela enormi ta' enerġija. L-awtoritajiet lokali għandhu jkollhom rwol importanti sabiex jipprovdu u jippromwovu bini sostenibbli fl-ibliet tagħhom, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma' bini effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija. Imbagħad, hemm il-problema dejjiema ta' l-iffinanzjar. Miżuri regolatorji huma ċertament meħtieġa, imma aħna għandna wkoll inkunu kapaċi li nsostnuhom b'investimenti. Il-prodotti ta' ffinanzjar disponibbli bħalissa, hekk kif żviluppati mill-banek, mhumiex dejjem adattati għall-iskala żgħira ta' ħafna proġetti ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, filwaqt li l-benefiċċju totali li dawn it-tip ta' proġetti iżgħar jistgħu jipprovdu b'mod sħiħ huwa sostanzjali.

5.1. Strumenti speċifiċi ta' ffinanzjar

Hemm potenzjal kbir ta' opportunitajiet li fihom iż-żewġ naħat jirbħu dejjem (*win-win*) għal investimenti fi proġetti ta' enerġija sostenibbli fuq skala żgħira f'kull parti ta' l-Ewropa. Huma jkunu spiss fattibbli ħafna, speċjalment meta jiġu inklużi l-aspetti ta' sigurtà ta' l-enerġija u l-benefiċċji ambjentali. Imma l-iffinanzjar ta' tali proġetti, speċjalment fir-reġjuni l-inqas żviluppati ta' l-Ewropa, jeħtieġ 'faċilitazzjoni' biex iseħħ. L-istrumenti finanzjarji jistgħu jkunu maħsuba skond il-faċilitajiet tal-*clearinghouse* (istituzzjoni bankarja fejn jissarrfu ċekkijiet u kontijiet b'mod li bil-flus jitħallas il-bilanċ biss) użati f'setturi oħra. Dawn ikunu jinkludu faċilitajiet ta' preparazzjoni tal-proġetti u fondi ta' amministrazzjoni tar-riskju.

Imma minħabba l-iskala żgħira u n-natura mxerrda tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati, jidher li l-aħjar ikun jekk l-azzjoni, f'kull każ, tinbeda fuq livell lokali jew reġjonali.

Jista' jkun xieraq li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jieħdu t-tmexxija fit-twaqqif ta' grupp ta' ħidma ta' l-UE ma' l-entitajiet interessati, li jkun jinvolvi istituzzjonijiet finanzjarji bħall-Bank Ewropew ta' l-Investment u banek kummerċjali oħra, fondi reġjonali, u rappreżentanti ta' l-Istati Membri. Malajr kemm jista' jkun huma jkunu jistgħu jiżviluppaw proposti dwar kif għandhom jiġu rranġati mill-ġdid il-mekkaniżmi ta' ffinanzjar eżistenti, inkluża l-organizzazzjoni ffokata ta' strumenti tat-tip ta' *clearinghouse* (istituzzjoni bankarja fejn jissarrfu ċekkijiet u kontijiet b'mod li bil-flus jitħallas il-bilanċ biss), biex jiġi rivedut il-potenzjal ta' l-investment fi proġetti ta' enerġija sostenibbli fuq skala żgħira, u biex isir ħsieb dwar modi biex jingħelbu l-ostakli għall-investment, inkluż ir-rwol ta' kumpaniji ta' l-enerġija, l-irkupru ta' l-iffrankar fuq il-kont ta' l-enerġija, l-ipprezzar, eċċ.

Fondi biex jappoġġjaw proġetti għat-titjib ta' l-effiċjenza ta' l-enerġija kienu suċċess kbir f'ħafna Stati Membri, u għandu jitqies kif l-aħjar prassi f'dan il-qasam tista' tiġi repetuta u mtejbja.

6. Strateġija miftuħa għad-dinja

Ir-rendiment tal-pajjiżi fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ivarja b'mod qawwi. L-UE u l-Ġappun huma pereżempju minn tlieta sa erba' darbiet aktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija f'termini ta' intensità ta' l-enerġija mill-pajjiżi ta' l-eks Unjoni Sovjetika jew tal-Lvant Nofsani.

L-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija diġà tagħmel parti mill-attivitajiet ta' kooperazzjoni internazzjonali ta' l-UE mas-sħab tagħha, inklużi s-sħab industrijali (bħall-Istati Uniti), il-pajjiżi fi tranżizzjoni (bħar-Russja), u l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (bħaċ-Ċina u l-Indja). Barra minn hekk, proġetti ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, għalkemm limitati fid-daqs, huma parti mill-*portfolio* ta' self ta' l-istituzzjonijiet ta' ffinanzjar internazzjonali u Ewropej. Madankollu, jibqa' ambitu kbir għal kooperazzjoni iktar fil-qrib u aktar vigoruża dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija mal-maġġoranza tal-pajjiżi.

Ir-raġunijiet prinċipali għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni għall-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ma' pajjiżi terzi huma marbuta mill-qrib ma' l-interessi ġeopolitiċi u strateġiċi ta' l-UE u ma' l-opportunitajiet ta' negozju li jinħolqu mir-rwol ta' tmexxija li għandha l-UE f'dan il-qasam. B'mod partikulari l-Ewropa tista' tkun impenjata b'mod attiv fid-determinazzjoni u l-adozzjoni ta' standards dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija li jistgħu jkunu kompatibbli internazzjonalment. Raġuni oħra hija l-kontribuzzjoni li l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tista' tagħmel għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali.

Iż-żieda reċenti fil-prezzijiet taż-żejt enfażizzat l-impatt taż-żieda fid-domanda ta' l-enerġija li tirriżulta minn żvilupp rapidu fil-konsum ta' l-enerġija f'numru ta' pajjiżi, inkluża ċ-Ċina. Bl-iskarsezza tar-riżorsi ta' l-enerġija u l-kapaċità limitata ta' produzzjoni żejda, speċjalment fir-rigward ta' l-idrokarburi, huwa ovvju li l-pajjiżi li jimpurtaw l-enerġija jidħlu dejjem aktar f'kompetizzjoni għall-istess sorsi ta' enerġija, pereżempju fir-Russja, fil-Lvant Nofsani u fir-reġjun Kaspjan.

Għalhekk l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija kwistjoni fl-interess tal-pajjiżi kollha li jimpurtaw l-enerġija, inkluża l-Unjoni, u għandha tiġi integrata fl-istrateġija globali tagħhom għas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija.

Mill-perspettiva tal-klima, il-Komunikazzjoni reċenti dwar il-bidla fil-klima enfażizzat l-importanza ta' parteċipazzjoni estiża bħala element essenzjali ta' strateġija fuq perjodu medju

u twil ta' żmien. Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi żviluppati, u b'mod partikulari, ma' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw tista' tkun għodda utli biex tinvolvi lill-pajjiżi f'azzjoni marbuta mal-klima, waqt li tipprovi benefiċċji lokali għall-assigurazzjoni f'termini ta' kwalità ta' l-arja u sigurtà ta' l-enerġija, li huma l-problemi ewlenin għal numru kbir ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw. Minħabba li s-settur ta' l-enerġija għandu jipprovi l-ikbar sehem tal-miri tat-tnaqqis, il-mitigazzjoni tal-bidla tal-klima globali tiddependi bil-kbir fuq użu akbar ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, fuq enerġija li tiġġedded u fuq teknoloġiji nodfa oħra ta' l-enerġija fil-pajjiżi kollha. Minħabba l-fatt li l-UE, minn żmien l-ewwel kriżi ta' l-enerġija fil-bidu tas-sebgħinijiet, stabilixxiet strateġiji politiċi u programmi koerenti għall-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, l-industrija tal-manifattura ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ta' l-UE tinsab issa f'pożizzjoni tajba biex tieħu l-aħjar benefiċċji mill-opportunitajiet għodda u biex tidħol fi swieq għodda f'pajjiżi terzi. L-industrija Ewropea tinsab fuq quddiem nett fit-teknoloġija, u tokkupa bażi strateġika għolja fil-kompetizzjoni globali tat-teknoloġija ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija f'haġna mis-setturi, inkluż dawk tat-turbini, tal-kombinazzjoni tas-sħana u l-elettriku u ta' teknoloġiji ta' tisħin distrettwali, ta' strumenti domestiċi u ta' materjali tal-bini. Sforzi mġedda favur spinta internazzjonali fir-rigward ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija jista' jkollhom rwol ewlieni fit-tisħiħ tar-rwol ta' l-industrija Ewropea bħala l-mexxejja dinjija f'dan il-qasam u jistgħu jikkontribwixxu biex iqawwu l-lat kompetittiv ta' l-Ewropa fis-settur ta' l-enerġija.

Il-potenzjal ta' l-esportazzjoni għal prodotti u servizzi effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija ma ġiex evalwat b'mod sistematiku, imma huwa stmat li l-opportunitajiet ta' negozju li ġejjin minn sforzi aktar b'saħħithom fuq l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija mhumex inqas sinifikanti minn dawk relatati ma' l-enerġija li tiġġedded. Is-suq Ċiniż, pereżempju, huwa mistenni li jiżviluppa b'mod rapidu skond il-Pjan ta' Konservazzjoni ta' l-Enerġija fuq Perjodu Twil u Medju ta' Żmien imfassal mill-Kummissjoni Nazzjonali ta' l-Iżvilupp u r-Riforma. Skond dan il-Pjan il-bini residenzjali u pubbliku huwa mistenni li jnaqqas bin-nofs il-konsum ta' enerġija tiegħu matul il-ħdax-il-Pjan ta' Ħames Snin (2006-10) meta mqabbel mal-livelli preżenti. F'dan il-kuntest għandu jiġi msemmi li l-industrija tal-kostruzzjoni ta' l-UE tinsab fuq quddiem nett fid-dinja f'dak li għandu x'jaqsam ma' bini b'konsum baxx ta' enerġija u permezz ta' aktar aġġornar tar-rekwiżiti fl-UE, l-esportazzjoni ta' dan l-għarfien se tipprovi opportunitajiet għodda lill-industrija tagħna.

6.1. L-integrar ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-kooperazzjoni internazzjonali

L-ewwel parti taż-żieda fil-kooperazzjoni internazzjonali dwar din il-kwistjoni se tikkonsisti f'ħidma mas-sħab industrijali ta' l-UE, b'mod partikulari mal-pajjiżi ta' l-OECD fi ħdan l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija (IEA), sabiex jiġu stabbiliti pjanijiet ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Minħabba li pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw issa jistgħu jissieħbu mal-Ftehim ta' Implimentazzjoni ta' l-IEA, huma jistgħu jiġu mħeġġa biex jipparteċipaw f'dawn il-fora.

Dan il-forum internazzjonali jista' pereżempju jkun il-bidu għat-tnedija ta' l-idea li tingħata aktar kunsiderazzjoni għall-effetti esterni tas-settur ta' l-avjazzjoni fuq l-ambjent.

Il-politika Ewropea tal-kummerċ tista' tassisti fil-kwistjoni ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, pereżempju bin-negozjar ta' trattament ta' tariffi favorevoli għall-oġġetti fuq il-baży ta' l-effiċjenza tagħhom fl-użu ta' l-enerġija. Dan ġie propost mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' l-WTO fi Frar 2005²⁷. Din il-politika tmexxi 'l quddiem il-Programm ta' Żvilupp

²⁷ Sottomissjoni ta' l-WTO TN/TE/W/47 tas-17 ta' Frar 2005.

ta' Doha. F'Doha l-ministri qablu dwar negozjati fuq it-tnaqqis, jew saħansitra l-eliminazzjoni, ta' ostakli ta' tariffi jew mhux ta' tariffi għal oġġetti u servizzi ambjentali biex imexxu 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli.

Finalment, l-UE għandha ġġedded l-isforzi tagħha biex tasal għal ftehim komuni ma' pajjiżi terzi industrijalizzati, b'mod partikulari ma' l-Istati Uniti, minħabba li sforzi serji biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija globali huma indispensabbli; ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport ta' kunsens reċenti magħmul mill-Kummissjoni Nazzjonali ta' l-Istati Uniti dwar il-Politika ta' l-Enerġija²⁸, li jindirizza b'mod qawwi l-istrateġiji politiċi relatati man-naħa tad-domanda, jistgħu jkunu bidu pożittiv għal dan it-tip ta' djalogu mġedded bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

6.2. *L-integrar ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-politika tal-viċinat u l-kooperazzjoni UE-Russja*

It-tieni karatteristika ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija li tagħmel ukoll parti mill-politika tal-viċinat ta' l-UE. Il-Kummissjoni se tiżgura li din tkompli tidher fil-pjanijiet ta' azzjoni għal din il-politika.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda bħalissa tinnegozja trattat li jstabilixxi Komunità ta' l-Enerġija mal-pajjiżi ta' l-Ewropa tax-Xlokk. Hija bdiet ukoll azzjonijiet ta' kooperazzjoni fir-reġjun Kaspjan u f'dak Mediterranju. Il-potenzjal f'dawn il-pajjiżi huwa sinifikanti imma, s'issa, għadu fil-biċċa l-kbira mhux sfruttat. Huma konxji mill-fatt li ż-żieda qawwija tagħhom fil-konsum ta' l-enerġija mhux biss tikkawża problemi ambjentali u ta' saħħa, imma se sservi wkoll bħala trażżin għall-iżvilupp ekonomiku, illum qabel għada.

It-tielet karatteristika għandha tkun dik li tippromwovi l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-proċess ta' kooperazzjoni ta' l-enerġija mar-Russja li nbeda sa mis-sena 2000. Ir-Russja qiegħda ssir dejjem iżjed konxja mill-ħtieġa li ttejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tagħha.

6.3. *L-integrar ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-politika ta' l-iżvilupp*

Il-politika Ewropea ta' l-iżvilupp hija r-raba' karatteristika taż-żieda fil-kooperazzjoni internazzjonali. L-Inizjattiva ta' l-Enerġija ta' l-UE mnedija fil-WSSD f'Johannesburg fl-2002 tistabilixxi l-qafas politiku għall-kooperazzjoni, rigward kwistjonijiet ta' enerġija, ta' l-UE mal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, fejn l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija ovvjament komponent importanti. Il-ħtieġa li tiġi żgurata l-koerenza tal-politika ta' l-UE ma' l-għanijiet ta' żvilupp kienet enfażizzata fil-Komunikazzjoni reċenti dwar il-Koerenza tal-Politika għall-Iżvilupp, li fiha l-enerġija kienet waħda mill-ħdax-il strateġija politika enfażizzata b'mod speċifiku. Bl-ekonomiji relattivament dgħajfa tagħhom, pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw huma estremament vulnerabbli għal żidiet fil-prezzijiet ta' l-enerġija. F'pajjiżi ta' l-Afrika ta' taħt is-Sahara, żieda fil-prezz taż-żejt jista' jkollhom impatt negattiv ferm aktar qawwi milli fuq il-pajjiżi ta' l-OECD. Fl-istess ħin, pajjiżi li qiegħdin jiżviluppaw spiss jiffaċċjaw telf kbir fil-produzzjoni, trasferiment u distribuzzjoni kif ukoll fit-trasportazzjoni u f'użu finali differenti ta' l-enerġija. Barra minn hekk, sa 95% tal-popolazzjoni tiddependi fuq l-użu ta' bijomassa tradizzjonali għat-tisjir u t-tisħin. Din hija użata b'effiċjenza baxxa u toħloq problemi ta' saħħa. Fil-gżejjer stati tal-Paċifiku u l-Karibew, il-prezz għoli taż-żejt impurtat huwa

²⁸

"Ending the Energy Stalemate: A Bipartisan Strategy to Meet America's Energy Challenges".

ipprovokat mis-swieq żgħar u mid-distanzi twal ta' trasportazzjoni. Il-potenzjal għal effiċjenza akbar fl-użu ta' l-enerġija għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw huwa sinifikanti u għandu jingħata aktar attenzjoni fil-kooperazzjoni ma' dawn il-pajjiżi.

Il-politika Ewropea ta' *żvilupp* tista' u għandha tgħin biex jiġu kkunsidrati dawn il-kwistjonijiet. L-azzjonijiet jistgħu jappoġġjaw il-bini ta' kapaċità, il-qawmien ta' kuxjenza, l-iżvilupp ta' politika, kif ukoll l-użu ta' applikazzjonijiet effiċjenti u teknoloġiji ta' użu finali.

Finalment, il-politika Ewropea *ambientali* għandha tgħin biex tiġi żviluppata l-kapaċità biex jiġu vvalutati l-proġetti effiċjenti implimentati f'dawn il-pajjiżi permezz ta' mekkaniżmi tal-bidla fil-klima bħalma hu is-CDM.

6.4. *It-tisħiħ tar-rwol ta' l-istituzzjonijiet internazzjonali ta' l-iffinanzjar*

Fl-aħħar nett, **bħala l-ħames karatteristika, l-UE u l-Istati Membri għandhom jħeġġu lill-IFI (Istituzzjonijiet Internazzjonali ta' l-Iffinanzjar) biex fil-ġejjieni jagħtu aktar attenzjoni lill-miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fl-operazzjonijiet finanzjarji u ta' assistenza teknika tagħhom lill-pajjiżi terzi.** Jeħtieġ li jiġu esplorati modi u mezzi dwar kif istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jistgħu jintegraw kunsiderazzjonijiet ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-proġetti prinċipali kollha ta' investment. Il-valutazzjoni li jmiss tal-politika ta' l-enerġija ta' l-EBRD se tkun opportunità tajba biex jitqajjem dan il-punt. Il-fatt li l-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija spiss tiġi minn sostenn għal mikro-proġetti m'għandux ikun argument għal dawn l-istituzzjonijiet biex ma jimpenjawx ruħhom b'mod sħiħ. Faċilitajiet globali ta' self għandhom jiġu żviluppati, u hemm hteiga għal aktar self permezz ta' intermedjarji, pereżempju permezz ta' l-aġenziji nazzjonali.

KONKLUŻJONI

Din il-Green Paper għandha l-għan li tidentifika alternattivi u tiftaħ diskussjoni estiża dwar kif jista' jitwettaq l-iffrankar li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu u dwar kif se jinbada l-proċess favur determinazzjoni rapida ta' Pjan ta' Azzjoni konkret, li jinvolvi azzjoni fuq livell tal-Komunità, nazzjonali, reġjonali, lokali u internazzjonali u fil-livell ta' l-industrija u tal-konsumaturi individwali, biex jiġi utilizzat l-iffrankar potenzjali identifikat mill-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

L-implimentazzjoni ta' dan il-qafas se tinvolvi lill-atturi kollha. L-ewwel nett l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali, li għandhom jiġu sostnuti minn aġenziji ta' l-enerġija lokali, li se jieħdu ħsieb tat-tixrid ta' l-aħjar prassi, direttament lill-pubbliku ġenerali. L-industrija hija msieħba oħra li għandha tkun inkluża f'dan il-proġett sabiex tmexxi 'l quddiem din il-politika. L-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tikkostitwixxi wkoll opportunitajiet għall-industrija biex tiżviluppa teknoloġiji ġodda għall-esportazzjoni. Għandhom jinfetħu diskussjonijiet ukoll ma' l-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex dawn iżidu l-investimenti tagħhom fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-futur. Mingħajr investimenti ħafna miżuri ma jseħħux. B'mod partikulari għandhom jiġu ppjanati għodod ta' ffinanzjar li jkunu aktar adattati għal proġetti iżgħar.

Inizjattiva ta' Effiċjenza fl-użu ta' l-Enerġija għandha implikazzjonijiet aktar wiesgħa minn sempliċement dawk relatati mal-politika ta' l-enerġija. Hija tikkostitwixxi kontribuzzjoni prinċipali għat-tnaqqis tad-dipendenza tagħna minn pajjiżi terzi fir-rigward ta' l-enerġija, f'sitwazzjoni fejn il-prezzijiet taż-żejt huma għolja u instabbli. Din l-inizjattiva se tikkontribwixxi wkoll għall-kisba ta' l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, li għandhom l-għan li jagħtu spinta mill-ġdid lill-ekonomija Ewropea, u lill-ġlieda kontra l-bidla fil-klima.

Iċ-ċavetta għall-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija għandha tagħti lill-Istati Membri, lir-reġjuni, liċ-ċittadini, u lill-industrija l-inċentivi u l-għodod neċessarji biex jgħaddu għall-azzjoni u l-investimenti neċessarji sabiex jiksbu ffrankar ta' l-enerġija bi proporzjon pożittiv tar-relazzjoni bejn l-ispiża u l-benefiċċji. Dan jista' jsir mingħajr l-ebda tnaqqis tal-livelli ta' kumdità jew tal-livell ta' l-għajxien. Ifisser biss li tiġi evitata l-ħela ta' l-enerġija permezz ta' passi sempliċi li jistgħu jittieħdu biex jitnaqqas il-konsum. Skond studji mwettqa mill-Kummissjoni²⁹, it-tabella li ġejja tagħti indikazzjoni ġenerali ta' l-iffrankar potenzjali, li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, fis-setturi differenti li jistgħu jiġu utilizzati. Filwaqt li dan l-iffrankar huwa biss indikattiv, huwa jirrappreżenta stampa ta' l-opportunitajiet li din il-Green Paper tfittex li tisfrutta.

²⁹ Ara Enerġija u Trasport Ewropej "Xenarju dwar kriterji Ewlenin", studji ta' l-Ecofys eċċ.

Iffrankar potenzjali f'Mtoe	2020 Implimentazzjoni rigoruża tal- miżuri adottati	2020+ Implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali
Bini: Tisħin/Tkessiħ	41	70
Strumenti elettriċi	15	35
Industrija	16	30
Trasport	45	90
CHP	40	60
Trasformazzjoni oħra ta' l-enerġija, eċċ	33	75
Iffrankar totali ta' enerġija	190	360

Din il-Green Paper għalhekk hija l-punt ta' tluq li minnu għandu jiġi mniedi d-dibattitu u li minnu jridu jiġu mqanqla ideat ġodda, kemm jekk dawn jiġu mill-industrija, mill-awtoritajiet pubbliċi, minn gruppi ta' konsumaturi jew mill-konsumaturi infushom. Dan il-proċess ta' konsultazzjoni diġà beda. Biex jipprepara din il-Green Paper, twaqqaf Grupp ta' Livell Għoli magħmul minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri kollha u dan iltaqa' f'April 2005. Diġà kkonferma li jista' jsir progress biss jekk l-UE tiegħu attitudni pro-attiva, u jekk jiġu adottati miri konkreti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda toħloq Forum ta' l-Enerġija Sostenibbli, li se jinkludi rappreżentanti mhux biss ta' l-Istati Membri imma wkoll ta' dawk il-gruppi interessati kollha li għandhom jitqiesu bħala msieħba sabiex jiġi żgurat li l-ispinta favur l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tkun suċċess.

L-inizjattivi li għandhom jiġu mnedija mill-UE għandhom jiġu mgħarrfa u implimentati fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali. Ovvjament, il-konsumaturi infushom għandhom ikunu mmobilizzati wkoll sabiex jiġu żviluppati u mifruxa drawwiet li se jinkorporaw aktar effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-ħajja ta' kuljum.

Sabiex jintlaħaq il-potenzjal kollu għall-iffrankar ta' l-enerġija, ovvjament hemm il-ħtieġa ta' ideat, imma wkoll ta' metodu tajjeb biex dawn l-ideat jitpoġġew fil-prattika f'kull parti ta' l-UE. Jekk wara d-dibattitu fuq il-Green Paper, jkun deċiż li jiġu stabbiliti miri ġenerali obligatorji u li jiġi żgurat minimu ta' armonizzazzjoni, għandu jintuża l-hekk imsejjaħ 'metodu tal-Komunità'. Taħt dan il-metodu l-Kummissjoni, mgħammra bid-dritt tagħha li tiegħu inizjattiva (liema dritt hu kkonfermat mit-Trattat), tagħmel proposti li jkunu diskussi u adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Ministri. Il-metodu tal-Komunità kien il-prinċipju ċentrali għas-suċċess ta' l-UE. Barra minn hekk, l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hija inklużi fil-linji ta' gwida integrati taħt il-proċess ta' Liżbona. Hija għalhekk tagħmel parti mill-istruttura ġdida ta' kontroll ekonomiku. Kif sar fil-Green Paper tas-sena 2000 dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija, il-Kummissjoni issa tniżżel numru ta' mistoqsijiet sabiex tistabilixxi struttura għad-dibattitu pubbliku, u tiffaċilita l-użu tajjeb tar-riżultati.

F'Diċembru 2005, il-Kummissjoni se twettaq l-ewwel analiżi tar-riżultati tad-dibattitu pubbliku li se jiġi mniedi skond din il-Green Paper dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija quddiem il-Kunsill tal-Ministri. Ir-rapport se jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni li jkun fih azzjoni Prattika li se tiġi proposta mill-2006.

ANNESS 1

Effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija: il-ħtieġa għall-azzjoni

Il-25 Stat Membru ta' l-UE bħalissa jikkunsmaw madwar 1 725 Mtoe (Mega tunnellati ekwivalenti għaż-żejt) ta' enerġija kull sena. Dan għandu prezz għoli: mal-€ 500 biljuni, jew **aktar minn € 1 000 kull persuna kull sena**. Minn dawn il-€ 500 biljun, madwar nofshom jaqgħu fuq il-kont kummerċjali ta' l-UE (madwar € 240 biljuni). L-enerġija tqum ħafna flus. Qiegħda wkoll tibda ssir skarsa. Skond ħafna esperti, ir-riservi taż-żejt magħrufa huma biss biżżejjed biex ikopru il-ħtiġijiet ta' kuljum għal madwar 40 sena.

Madankollu, fl-Ewropa proporzjon għoli ta' din l-enerġija qed tkompli tinħela, kemm minħabba tagħmir ineffiċjenti u kemm minħabba nuqqas ta' għarfien min-naħa ta' daww li jużaw l-enerġija. Dan jirrapreżenta spiża mingħajr l-ebda benefiċċju, kemm jekk il-ħela sseħħ fil-punt tal-produzzjoni u kemm jekk isseħħ fil-punt ta' l-użu. Dan it-telf enormi ta' kapital jista' jitħalla għal użijiet oħra, inkluż għall-iżvilupp ta' prassi ġdida, teknoloġiji u investimenti li jkunu effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija.

Il-konsum ta' l-enerġija jikkontribwixxi b'mod qawwi wkoll għall-bidla tal-klima, li hija l-kawża ta' tħassib li qiegħed dejjem jikber matul is-snin reċenti. L-enerġija hija s-sors ta' 4/5 (78%) ta' l-emissjonijiet totali tal-gass li jsaħħan id-dinja (*greenhouse gas*) fl-UE. Minn dawn, is-settur tat-trasport jikkontribwixxi għal madwar terz.

L-iffrankar ta' l-enerġija li jagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, għall-UE jfisser, inqas dipendenza fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, rispettt akbar għall-ambjent u tnaqqis fl-spejjeż għall-ekonomija ta' l-UE fi żmien ta' kompetittività batuta. It-tnaqqis tal-ħtieġa ta' l-enerġija huwa għalhekk għan politiku li għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet ta' l-Aġenda ta' Liżbona billi jqawwi l-ekonomija Ewropea u jgħalluq impjegi ġodda. **Politika ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija għib ukoll iffrankar sinifikanti fuq il-kontijiet ta' l-enerġija tal-familji u għalhekk għandha impatt dirett fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kollha Ewropej.**

Ir-rwol ta' l-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikulari dak ta' l-UE, huwa li jagħmlu lill-individwi u lir-rappreżentanti politiċi tagħhom konxji mill-urġenza tat-titjib ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Dan huwa kruċjali għall-ambjent, għall-ekonomija u għas-saħħa tagħna.

It-titjib ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija huwa terminu wiesgħa. F'din il-Green Paper huwa jkopri l-ewwel nett, użu aħjar ta' l-enerġija permezz ta' titjib fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, u, it-tieni nett, iffrankar ta' l-enerġija permezz ta' bidliet fl-imġiba.

- L-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija essenzjalment tiddependi fuq it-teknoloġiji użati. It-titjib ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija għalhekk ifisser l-użu ta' l-aħjar teknoloġiji biex jitnaqqas il-konsum, kemm fl-istadju tal-konsum finali u kemm f'dak tal-produzzjoni ta' l-enerġija. Dan jimplika, pereżempju, li l-kaldrun qadim tad-dar jiġi mibdul b'wieħed ġdid li jikkonsma terz inqas; jew li jinħolqu sistemi li jevitaw il-konsum ta' l-enerġija tal-mod *standby* fuq numru ta' strumenti tad-dar (TV, forn elettriku, eċċ.); jew li jintużaw bozoz tad-dawl li, għall-istess luminożità, jużaw inqas enerġija grazzi għal teknoloġiji ġodda.
- L-iffrankar ta' l-enerġija fis-sens sħiħ jirriżulta wkoll minn bidla fl-imġiba tal-konsumaturi. Dan jimplika, pereżempju, politika li tagħmel it-trasport pubbliku aktar attraenti biex b'hekk daww li jużaw il-karozzi jkunu mħajra jużaw ix-xarabank jew il-

ferrovija minflok; jew li n-nies jiġu edukati dwar kif inaqqsu t-telf ta' sħana mid-djar tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' użu korrett tat-termostats.


Din il-Green Paper għandha l-intenzjoni li tiftaħ id-diskussjoni dwar kif l-UE tippromwovi politika ġenerali sabiex tinkoraġġixxi l-użu aktar mifrux ta' teknoloġija ġdida biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u biex tiġi stimolata bidla fl-imġiba tal-konsumatur Ewropew.

Ir-riċerka hija partikolarment vitali fit-titjib ulterjuri tal-potenzjal ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija li se jkompli jikber hekk kif l-ekonomija jiżviluppaw aktar. Ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija hekk kif imwettqa taħt il-programmi ta' Qafas u taħt il-programm ta' l-Enerġija Intelliġenti għall-Ewropa għalhekk jikkomplimentaw il-politika f'dan il-qasam u jaħdmu favur l-istess għanijiet: inqas użu ta' fjuwil magħmul mill-fossili, impjiegi aħjar maħluqa fl-Unjoni Ewropea u valur miżjud għola għall-ekonomija Ewropea.

1. Il-fjuwils magħmula mill-fossili huma dominanti fost il-konsum ta' l-enerġija ta' l-Ewropa


Mill-bidu tas-sebgħinijiet sa l-2002, il-konsum ta' l-enerġija fl-UE-25 żdied bi kważi 40% - jew 1% kull sena – filwaqt li l-GDP irdoppja, u kiber b'rata medja ta' 2.4% kull sena. L-intensità ta' l-enerġija, il-proporzjon tal-GDP għall-konsum ta' l-enerġija, għalhekk naqset b'terz. Madankollu, mill-2000, it-titjib fl-intensità ta' l-enerġija kien inqas sostanzjali, u laħaq biss il-1% fuq sentejn (ara anness 3).

Konsum totali ta' enerġija skond l-intensità tal-fjuwil u ta' l-enerġija




Din il-medja tal-Komunità ma tirriflettix id-differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri kkawżati mill-istrutturi ekonomiċi differenti (eż. industrija li tista' tkun iktar jew inqas intensiva fl-użu ta' l-enerġija), ir-rata tal-kambju monetarja nazzjonali mqabbla ma' l-Ewro u l-livell ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija li, bejn wiehied u ieħor, huwa ovvjament ħafna aħjar fl-UE-15.

It-tabella li ġejja turi l-potenzjal kbir ta' titjib f'ħafna mill-Istati Membri ġodda.




Fit-tabella li ġejja, dan il-paragun huwa korrett għad-differenzi fis-saħħa tax-xiri tad-dħul fl-Istati Membri.



Jekk it-tendenza preżenti tkompli, id-domanda totali għall-enerġija tista' tiżdied b'10% sa l-2020. Żieda fid-domanda ta' l-elettriku tista' tilħaq ukoll il-1.5% kull sena. **Il-konsum tal-lum fl-UE jista' jilħaq 1 900 Mtoe fi żmien 15-il sena (2020) meta mqabbel ma' l-1 725 Mtoe fl-2005³⁰.**

Konsum gross ta' l-enerġija EU25 (1725 mtoe) fl-2005 – ara anness 1



Sadanittant id-domanda għall-enerġija tkompli tiżdied fl-UE, filwaqt li l-produzzjoni tagħha ta' l-idrokarburi qiegħda tonqos. Għalhekk, fl-1999 il-produzzjoni taż-żejt laħqet massimu ta' 170 Mtoe; u din għandha tonqos għal 85 Mtoe sa l-2030³¹. Il-kontribuzzjoni ta' enerġija li jiġġeddu tibqa' relattivament baxxa – 6% fl-2000 u bejn 8% u 10% tal-konsum totali fl-2010 u t-tnaqqis mistenni fil-produzzjoni ta' l-elettriku nukleari jbassar tnaqqis ta' madwar 240 Mtoe. Dan ifisser li l-produzzjoni domestika primarja tista' tinżel għal 660 Mtoe fl-2030, filwaqt li għadha ta' 900 Mtoe fl-2005.

2. Il-benefiċċji għall-ekonomija Ewropea b'riżultat ta' żieda fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija

In-nuqqas ta' azzjoni konvinċenti biex tfixkel it-tendenzi li jwasslu għal żieda fil-konsum ta' l-enerġija għandha wkoll effett negattiv fuq l-isforzi ta' l-UE fil-kuntest ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, li għandha l-għan li tagħmel l-ekonomija ta' l-Unjoni l-iktar waħda kompetittiva fid-dinja.

Prezzijiet għola taż-żejt għandhom impatt negattiv fuq l-iżvilupp tal-GDP. Inqas dipendenza fuq iż-żejt tkun għalhekk minnufih ta' benefiċċju għall-ekonomija. Imma anke mingħajr prezzijiet taż-żejt għola, hemm raġunijiet ekonomiċi sodi biex issir spinta qawwija favur l-użu

³⁰ Dawn huma magħmula taħt l-assunzjoni ta' żvilupp medju tal-GDP kif imbassar li jkun 2.4% kull sena.

³¹ Xenarju tal-linji bażi ta' l-UE-25. Xenarju Ewropew ta' l-Enerġija u t-Trasport fuq il-mexxejja ewlenin.

aktar effiċjenti ta' l-enerġija fl-Ewropa. F'dan il-kuntest għandha tiġi mnedija diskussjoni dwar kif in-negozju u ċ-ċittadini ta' l-UE jistgħu jagħmlu qligħ finanzzarju fiż-żmien qasir, medju u twil billi, pereżempju, jiġi installat tagħmir ġdid ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija jew jiġi rranġat mill-ġdid il-bini. Barra minn hekk, minħabba li l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tehtiegħ servizzi u teknoloġija f'qasam fejn l-Ewropa tinsab fuq quddiem nett fid-dinja, politika effettiva ta' l-enerġija tfisser li minflok l-ispejjeż għall-idrokarburi impurtati, jinħolqu impjiegi ġodda ta' kwalità fl-UE.

Skond stimi magħmula mill-Kunsill Ġermaniż għall-Iżvilupp Sostenibbli³², **jistgħu jinħolqu iktar minn 2000 impjieg *full-time* għal kull miljun tunnellata f'ekwivalent taż-żejt li se jiġu ffrankati b'riżultat ta' miżuri u/jew investimenti meħuda speċjalment biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija meta mqabbel ma' l-investment fil-produzzjoni ta' l-enerġija.** Dan jidher li huwa l-każ f'kalkulazzjonijiet magħmula f'bosta studji oħra dwar is-suġġett. Hawnhekk għandu jiġi nnutat li din il-figura ma tinkludix impjiegi maħluqa b'riżultat ta' żieda fl-esportazzjoni ta' teknoloġiji Ewropej, imma tinkludi telf ta' impjiegi minħabba d-domanda aktar baxxa ta' enerġija (ara anness 5).

Il-potenzjal ekonomiku ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija jiddependi kemm fuq l-iżviluppi teknoloġiċi u kemm fuq il-prezzijiet ta' l-enerġija preżenti u fuq daww imbassra. Il-konsumaturi se jibbenefikaw minn miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija meta l-proporzjon tar-relazzjoni bejn l-ispiża u l-benefiċċju jkun pożittiv. L-ekonomija ġenerali tista' wkoll tibbenefika permezz tat-trasferimenti għal attivitajiet ekonomiċi oħra tar-riżorsi ffrankati. Ir-riċerka għandha rwol ċentrali wkoll fil-progress ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, u hija waħda miż-żewġ għanijiet prinċipali ta' l-istrategġija ta' Liżbona li tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-ekonomija Ewropea, flimkien mal-ħolqien ta' l-impjiegi, li magħhom hija wkoll direttament marbuta.

Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea hija waħda miż-żoni ekonomiċi dinjija ippożizzjonati l-aħjar biex tgħin ekonomiji li qegħdin jiżviluppaw inaqqsu wkoll l-intensità ta' l-enerġija tagħhom stess u jagħmlu l-iżvilupp ekonomiku tagħhom iktar sostenibbli³³, permezz ta' l-esportazzjonijiet tagħha ta' teknoloġija mill-aqwa.

3. L-użu ta' l-enerġija – kawża ta' ħsara ambjentali

L-iżvilupp fil-konsum għandu impatt dirett fuq id-deterjorament ta' l-ambjent u fuq il-bidla tal-klima. Il-kwalità ta' l-arja hija problema ambjentali ewlenija għall-UE. Il-Kummissjoni qiegħda bħalissa telabora l-Programm ta' l-UE għal Arja Nadifa (CAFE), fejn l-effetti perikolużi ta' l-ożonu u b'mod speċjali l-materja f'sura ta' partikuli separati jkunu rrevelati fir-rigward tas-saħħa umana, ta' l-ekosistemi u tal-prodotti ta' l-agrikoltura³⁴. Din is-sitwazzjoni se tittejjeb sa l-2020 l-ewwel nett bl-implimentazzjoni ta' l-istandards preżenti ta' emissjoni, imma ż-żieda fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tista' bl-istess mod ittejjeb il-kwalità ta' l-arja b'mod drammatiku billi tevita il-ħruq ta' fjuwils magħmula mill-fossili. L-

³² Rat für Nachhaltige Entwicklung, 2003, http://www.nachhaltigkeitsrat.de/service/download/publikationen/broschueren/Broschuere_Kohleempfehlung.pdf

³³ UNDP, Stima ta' l-Enerġija Dinjija 2000, u aġġornament ta' l-2004, <http://www.undp.org/energy>

³⁴ Pereżempju fl-2000, intilfu 3 miljun sena ta' ħajja fl-UE minħabba konċentrazzjoni ta' materja f'sura ta' partikuli separati fl-arja li nieħdu n-nifs minnha. Dan hu ekwivalenti għal madwar 288 000 mwiet prematuri.

effetti tat-tnaqqis fil-konsum ta' l-enerġija f'mudelli ambjentali³⁵ ġew stmati li jqarrbu l-eluf ta' mwiet prematuri evitati u biljuni ta' €.

Il-ħruq ta' fjuwils magħmula mill-fossili jikkawża emissjonijiet ta' gass li jsaħħan l-atmosfera (*greenhouse gas*). Emissjonijiet ta' CO₂, aktar milli jwittu, jistgħu, jekk it-tendenzi prevalenti jipperjistu, attwalment jaqbżu l-livelli ta' l-1990 b'14% sa l-2030 taħt "xenarju bħas-soltu". Bir-rata preżenti ta' żieda fil-konsum ta' l-enerġija, it-tensjonijiet bejn il-mudell tagħna ta' domanda għall-enerġija – 80% ibbażat fuq il-fjuwils magħmula mill-fossili – u l-ġlieda biex jiġi avvanzat ambjent sostenibbli tista' tinħass l-aktar b'saħħitha mill-2012 'l quddiem.

Fil-Komunikazzjoni reċenti tagħha dwar il-bidla tal-klima³⁶, il-Kummissjoni kkonkludiet li 50% tat-tnaqqis ġejjieni ta' l-emissjonijiet tal-gass li jsaħħan l-atmosfera (*greenhouse gas*) se jinkisbu b'titjib fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

L-Istati Membri kollha huma impenjati għall-iżvilupp ta' forom ta' enerġija, li ma jarmux gassijiet li jsaħħnu l-atmosfera (*greenhouse gases*): elettriku "aħdar", bijo-fjuwils, eċċ. Huma diġà żviluppaw pjanijiet għall-iffrankar ta' enerġija f'ċerti setturi. Madankollu, l-Ewropa għada ma wrietx l-abbiltà fit-tnaqqas tat-tendenzi preżenti jew l-abbiltà tagħha li topponi it-tkabbir spirali kontinwu fil-konsum ta' l-enerġija.

4. Ir-rispons internazzjonali

It-tħassib dwar l-enerġija kien għal żmien twil biss marbut mal-kwistjoni ta' l-issodisfar tad-domanda permezz ta' strateġiji politiċi relatati mal-provvista. Kien biss fis-sena 2000 li l-Green Paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija ressqet strateġija ċara bbażata fuq l-amministrazzjoni tad-domanda. Il-Green Paper dwar is-sigurtà tal-provvista pproponiet strateġija ċara marbuta b'mod stabbli mad-domanda. Il-Green Paper waslet għall-konklużjoni li l-UE kellha biss ftit spazju biex timmanuvra fir-rigward tal-provvista ta' l-enerġija u li kien fil-qasam tad-domanda għall-enerġija li hi setgħet tagħxi. Għalhekk il-Kummissjoni bdiet l-ewwel serje ta' atti regolatorji fil-qasam ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, b'mod partikolari permezz tad-Direttiva dwar ir-Rendiment ta' l-Enerġija tal-Bini u d-Direttiva tal-Ġenerazzjoni Konġunta.

L-istess jista' jingħad dwar l-organizzazzjonijiet intergovernattivi internazzjonali bħall-Aġenzija ta' l-Enerġija Internazzjonali (IEA) li reċentement bdew jikkunsidraw l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija bħala prijorità, b'konsegwenza tal-prezzijiet taż-żejt rekord. B'mod bilaterali ma kien hemm l-ebda djalogu xieraq dwar l-enerġija, kemm bejn pajjiżi li jipproduċu u kemm bejn daww li jikkunsmaw. Dan it-tip ta' djalogu strutturat u li jdum kien jippermetti l-introduzzjoni ta' minimu ta' trasparenza fis-suq u kien jikkontribwixxi biex jistabilizza l-prezzijiet. L-isħubija mar-Russja mnedija fl-2000 u t-tnedija mill-ġdid li jmiss tad-djalogu ma' l-OPEC se tippermetti li gradwalment jingħeleb dan in-nuqqas fil-politika ta' l-enerġija ta' l-Unjoni.


³⁵ Studji magħmula għall-CAFE.

³⁶ KUMM(2005) 35. Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija biex jintlaħqu l-livelli ta' emissjoni ta' gass li jsaħħan l-atmosfera (*greenhouse gas*), livelli li huma kompatibbli mal-manteniment tal-klima. Huwa stmat li 50% tat-tnaqqis neċessarju – jiġifieri biex jintlaħaq livell ta' 550 ppm ta' dawn it-tipi ta' gass fl-arja – jista' jiġi minn iktar effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.

Din il-kuxjenza ġdida hija wkoll imsaħħa mill-ekonomija internazzjonali ta' l-iżvilupp ekonomiku qawwi f'ċerti pajjiżi – Ċina, Brażil, u Indja – li wassal biex il-konsum ta' l-enerġija żdied ħafna. Madankollu għandu jiġi ddikjarat li dawn il-pajjiżi huma konxji mill-fatt li huma jridu jnaqqsu l-intensità ta' l-enerġija tagħhom, jekk xejn minħabba li dawn ir-rati ta' żvilupp fil-konsum ta' l-enerġija jistgħu jpoġġu l-ekonomiji tagħhom f'riskju.


Barra minn hekk, hemm ukoll nuqqas ta' djalogu strutturat bejn il-pajjiżi li jikkunsmaw. Dan it-tip ta' djalogu kieku jista' jwassal għal strateġija bbażata fuq id-domanda fuq livell dinji, u jkun jista' jgħin lil dawn il-pajjiżi sabiex isiru inqas dipendenti minn fjuwils magħmula mill-fossili, u b'hekk inaqqsu l-impatt negattiv tal-konsum tagħhom fuq l-ambjent.

Il-graff li ġejja turi d-differenzi kbar fl-intensità ta' l-enerġija bejn iż-żoni l-kbar tal-konsum fl-2003³⁷:



Fit-tabella li ġejja, dan il-paragun huwa korrett għad-differenzi fil-*purchasing power* tad-dħul ta' dawn iż-żoni ekonomiċi.

³⁷ Għalkemm reġjuni oħra inqas effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija huma, fil-mument, iktar kompetittivi mill-UE, din mhijiex raġuni għaliex l-UE m'għandhiex iżżid l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tagħha u għalhekk il-kompetittività tagħha stess.



sors Enerdata

5. Il-ftuħ tad-dibattitu dwar għan ambizzjuż għall-UE

Mingħajr miżuri pro-attivi biex jiġi evitat kurrent ieħor ta' konsum ta' l-enerġija dawn il-preokkupazzjonijiet kollha relatati mas-sigurtà tal-provvista, mal-kompetittività Ewropea, mal-bidla fil-klima u mat-tniġġis atmosferiku se jkomplu jsiru biss aġar. L-UE ma tistax tippermetti li dan it-tbassir negattiv isir realtà.

Din il-Green Paper dwar l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tipprevedi li tniedi dibattitu dwar kif l-UE tista' tikseb **tnaqqis tal-konsum ta' l-enerġija ta' l-UE b'20% meta mqabbel mal-proġettazzjonijiet għall-2020, fuq bażi li tagħti benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu.**

Bit-teknoloġija daqshekk avvanzata tal-lum, huwa ċertament possibbli li jiġi ffrankat madwar 20% tal-konsum ta' l-enerġija ta' l-Istati Membri ta' l-UE. It-total tal-konsum huwa bħalissa madwar 1 725 Mtoe. Stimi jindikaw li, jekk it-tendenzi preżenti jkomplu, il-konsum se jilħaq 1 900 Mtoe fl-2020. L-għan huwa għalhekk li naslu, grazzi għall-iffrankar ta' 20% ta' l-enerġija, fil-livell tal-konsum ta' l-1990, jiġifieri 1 520 Mtoe.

Dan ikun ifisser li implimentazzjoni rigoruża tal-miżuri kollha meħuda wara l-2001, pereżempju d-Direttivi dwar ir-rendiment ta' l-enerġija tal-bini u dwar il-ġenerazzjoni konġunta ta' sħana u elettriku, flimkien ma' miżuri ġodda, tkun tista' twassal għal iffrankar annwali ta' medja ta' 1,5% kull sena, li mbagħad ikun jippermetti lill-25 pajjiż ta' l-UE li jmorru lura għal-livell ta' konsum tagħhom ta' l-1990³⁸.

³⁸ Dan huwa kalkulatur fuq bażi ta' tbassir eżistenti ta' l-UE fuq l-iżvilupp tal-GDP, li jindika żvilupp fis-sena ta' 2,4%, ara "Enerġija u Trasport Ewropej, xenarju fuq kriterji ewlenin", Kummissjoni, 2004.

ANNESS 2

Iffrankar tal-konsum ta' l-elettriku u tendenzi fis-settur residenzjali ta' l-UE-15 (sors: Wai 2004, Kem 2004)³⁹

	Iffrankar ta' l-elettriku miksub fl-Perjodu 1992-2003 [TWh/sena]	Konsum fl-2003 [TWh/sena]	Konsum fl-2010 (bil-politika preżenti) [TWh/sena]	Konsum fl-2010 Potenzjal Disponibbli sa l-2010 (b'politika addizzjonali) [TWh/sena]
Magni tal-Ħasil	10-11	26	23	14
Refriġeraturi u <i>freezers</i>	12-13	103	96	80
Fran elettriċi	-	17	17	15.5
<i>Standby</i>	1-2	44	66	46
Dawl	1-5	85	94	79
Nixxiefa	-	13.8	15	12
DESWH ⁴⁰	-	67	66	64
Kundizzjonaturi ta' l-arja		5.8	8.4	6.9
Magni tal-ħasil tal-platti	0.5	16.2	16.5	15.7
Total	24.5-31.5	377.8	401.9	333.1

³⁹


Rapport ta' l-Istatus 2004 Ċentru tar-Riċerka Konġunta IES.

⁴⁰

Heaters Domestiċi Elettriċi tal-Ħażna ta' l-Ilma (DESWH), il-potenzjal ta' ffrankar indikat huwa biss relatat mat-tnaqqis tat-telf termali ta' l-*stand-by* minħabba insulazzjoni eħxen. Iffrankar addizzjonali se jiġi minn strateġija ta' kontroll (termostat u kronometru). Iffrankar akbar ta' l-elettriku se jinkiseb bl-introduzzjoni ta' pannelli termali solari.

ANNEX 3

EU-25: żvilupp tal-GDP fuq perjodu twil ta' żmien, id-domanda għall-enerġija u l-intensità ta' l-enerġija (il-linja bażi): 2000 = 100



Tnaqqis medju ta' l-intensità ta' l-enerġija huwa ta' 1,6% kull sena

ANNESS 4

Domanda finali ta' l-enerġija

2002	Bini (residenzjali u terzjarji)		Industrija		Trasport		Is-setturi kollha ta' domanda finali	
	Mtoe	% ta' domanda finali	Mtoe	% ta' domanda finali	Mtoe	% ta' domanda finali	Mtoe	% ta' domanda finali
Fjuwils solidi	12.2	1.1	38.7	3.6	0.0	0.0	50.9	4.7
Żejt	96.8	8.9	46.9	4.3	331.5	30.6	475.2	43.9
Gass	155.6	14.4	105.4	9.7	0.4	0.0	261.5	24.2
Elettriku (inkl. 14% minn RES)	121.3	11.2	91.2	8.4	6.0	0.6	218.5	20.2
Shana dderivata	22.8	2.1	7.5	0.7	0.0	0.0	30.3	2.8
Materjali li jistgħu jiġġeddu	29.0	2.7	16.2	1.5	1.0	0.1	46.2	4.3
Total	437.8	40.4	306.0	28.3	338.9	31.3	1 082.6	100.0

ANNESS 5

L-effetti ta' l-impjieg fuq it-Titjib ta' l-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija

Investimenti f'titjib ta' l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija u li jkunu jagħtu benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu kważi dejjem se jkollhom impatt pożittiv fuq l-impjieg⁴¹. Fil-każijiet kollha n-numru ta' impjieg maħluqa jkun akbar minn dawk maħluqa minn investimenti alternattivi komparabbli, inklużi investimenti għall-estrazzjoni, trasformazzjoni u distribuzzjoni ta' l-enerġija⁴².

L-impatt qawwi fuq l-impjieg li ġej minn investimenti ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija huwa dovut għar-riżultat konġunt ta' żewġ effetti separati. Effett wieħed huwa l-hekk imsejjaħ "effett ta' l-użu mill-ġdid" ta' investment ta' l-iffrankar ta' enerġija. Dan l-effett huwa dovut għall-effetti indiretti ta' l-investment mill-ġdid ta' l-iffrankar finanzjarju ġġenerat minn miżuri ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Huwa jammonta b'mod sħiħ għal żewġ terzi ta' l-impatt totali fuq l-impjieg⁴³. L-effett l-ieħor huwa l-effett dirett ta' tali investimenti u huwa derivat mix-xogħol meħtieġ biex jiġi implimentat l-investment primarju għal effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Eżempju tajjeb ta' dan huma investimenti bħall-immodifikar ta' bini eżistenti. Ħafna minn dawn it-tip ta' investimenti għandhom il-vantaġġ addizzjonali li huma intensivi fix-xogħol, li għandhom impatt li jinħass lokalment u reġjonalment u li għandhom kontenut ta' importazzjoni relattivament baxx. Din id-domanda għax-xogħol spiss tinkludi ħaddiema mhux tas-sengħa kif ukoll ħaddiema kważi tas-sengħa u nies tas-sengħa mħarrġa ħafna, u għalhekk jagħmilha strument versatili biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika reġjonali.

Ħafna investimenti diretti oħra fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, bħal-linji ta' proċess li jkunu effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija fl-industrija, l-installazzjoni ta' kaldaruni effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija, is-servizz mtejjeb ta' manutenzjoni tal-bini, se jiġġeneraw daqs jew aktar impjieg, għal kull ewro investit, minn alternattivi komparabbli bħall-investimenti infrastrutturali tat-toroq, pontijiet u ta' trasferiment ta' l-enerġija.

Twettqu numru ta' studji biex jiġu mqabbla l-effetti relattivi tal-ħolqien ta' l-impjieg permezz ta' investment fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija ma' dawk ta' investimenti alternattivi. Studju ta' dan it-tip identifika il-ħolqien ta' bejn 12 u 16-il sena ta' impjieg dirett għal kull miljun USD investit fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, meta mqabbel ma' biss 4.1 snin ta' impjieg għal investment f'impjant ta' l-elettriku mħaddem bil-faħam u ma' biss 4.5 snin ta' impjieg għal impjant nukleari ta' l-elettriku. Dan ifisser li investimenti fl-effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija jgħolqu minn tlieta sa erbgħa darbiet in-numru ta' impjieg maħluqa minn investimenti kumparabbli ta' provvista ta' l-enerġija⁴⁴.

Kien ukoll komunement maħsub li l-kostruzzjoni ta' impjanti ta' l-elettriku għandha impatt kbir ħafna fuq l-ekonomija lokali. Din l-impressjoni tiġi mill-fatt li wieħed iħares lejn l-impatt fuq iż-żona lokali fejn ikun hemm konċentrament kbir ta' l-ispejjeż ta' kostruzzjoni u ta' l-impjieg. Għar-reġjun b'mod sħiħ, madankollu, l-impatt ma jkunx kbir daqs dak ta' programm

⁴¹ "L-impatt Nazzjonali u Lokali tal-Programmi ta' Investment ta' Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija fuq l-Impjieg," 2000. Studju tas-SAVE, ACE, Renju Unit.

⁴² "L-Effetti tal-Konservazzjoni ta' l-Enerġija Elettrika fuq l-Impjieg," 2002. Charles River Associates.

⁴³ Ibid.

⁴⁴ Ibid.

komparabbli ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Barra minn hekk, minħabba s-sehem kbir ta' investiment ta' kapital meħtieġ għall-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' l-enerġija, l-ispiża totali tal-produzzjoni ta' kWh ta' elettriku tkun madwar id-doppju ta' l-ispiża ta' l-iffrankar ta' kWh.

Xi impjegi attwalment jintilfu minħabba żieda fir-regulazzjoni ambjentali u minħabba t-tneħħija tar-regolamenti tas-suq fis-settur ta' l-enerġija. Il-ftuħ tas-swieq ta' l-elettriku u tal-gass, pereżempju, wassal għal telf ta' impjegi fiż-żmien qasir, prinċipalment minħabba li ż-żieda fil-kompetizzjoni gābet magħha razzjonalizzazzjoni tal-faċilitajiet tal-produzzjoni/ġenerazzjoni, trasferiment u distribuzzjoni ta' l-enerġija. Dan it-telf nett ta' impjegi ma jqisx l-effetti ta' l-użu mill-ġdid ta' prezzijiet ta' l-elettriku aktar baxxi għal dawk l-industriji kbar li jużaw l-enerġija. Jidher ċar, madankollu, li jekk iż-żieda fl-investimenti ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija tkun koordinata mal-leġislazzjoni ambjentali u mal-liberalizzazzjoni tas-suq, il-benefiċċju nett ta' impjegi xorta jista' jinkiseb⁴⁵.

Hemm ħafna stimi fuq in-numru possibbli ta' impjegi li jistgħu jinħolqu fl-UE permezz ta' żieda fl-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija. Dawn l-istimi jvarjaw ħafna, skond id-daqs, it-tul u t-tipi ta' investimenti li jsiru. Kalkulazzjoni approssimattiva bbażata fuq il-valur ta' l-enerġija ffrankata minn żieda ta' 1% ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija kull sena għal perjodu ta' 10 snin, turi li dan jista' jwassal għal aktar minn 2 000 000 ta' snin ta' impjegi jekk dawn l-investimenti jsiru, pereżempju, taħt kundizzjonijiet xierqa fis-settur tal-modifikazzjoni tal-bini⁴⁶. Dawn l-istimi huma kkonfermati minn studji ohra⁴⁷. Il-potenzjal kbir ta' ffrankar u l-fatt li s-settur tal-bini huwa responsabbli għal 40% tal-konsum finali ta' enerġija ta' l-UE, jagħmlu l-investimenti ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija f'dan is-settur ferm interessanti. Il-żieda fil-possibiltà li uħud minn dawn l-investimenti jiġu ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u l-possibiltà għall-Istati Membri li japplikaw VAT u taxxi oħra u ħlasijiet mnaqqsa jistgħu jżidu ma' dan l-interess⁴⁸.

F'dan il-kuntest, għandu wkoll jiġi msemmi li r-rekwiżiti l-ġodda fl-Istati Membri relatati maċ-ċertifikazzjoni tar-rendiment ta' l-enerġija tal-bini huma mistennija li jagħmlu impatt pożittiv ħafna fuq l-impjegi fis-settur tal-bini. Fl-istess ħin, dan ir-rekwiżit se jipprovdi informazzjoni u pariri dwar investimenti ta' effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-ġejjieni li jagħtu benefiċċju biżżejjed fil-konfront tal-flus li jintefqu, u li ħafna minnhom għandhom isiru. Ir-rekwiżit għall-ispezzjoni ta' sistemi ta' tisħin u kkundizzjonar ta' l-arja huwa wkoll mistenni li jżid l-impjegi. Għalkemm stimi, fuq livell ta' l-UE, ta' l-effetti diretti ta' dawn ir-rekwiżiti fuq l-impjegi għadhom mhumex disponibbli, l-indikazzjonijiet huma li l-Istati Membri flimkien se jeħtieġu madwar 30 000 espert ġdid għaċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni meta l-leġislazzjoni nazzjonali tiddaħħal b'mod sħiħ.

⁴⁵ Studju tal-Parlament Ewropew ta' l-2004.

⁴⁶ Studju SAVE.

⁴⁷ UNDP, Evalwazzjoni ta' l-Enerġija Dinjija, p. 185. Rat für Nachhaltige Entwicklung: 'Perspektivi għall-faħam f'industrija ta' l-enerġija sostenibbli', Ottubru 2003.

⁴⁸ Huwa stmat li t-tnaqqis tat-taxxi tad-dħul u l-ħlasijiet ta' min iħaddem, filwaqt li jiġu mgħollija t-taxxi fuq l-enerġija bħala kumpens, jista' joħloq nofs miljun impjegi ġodda fid-Danimarka.